

# MADONNA TA' PINU

**MADONNA TA' PINU**

perjodiku ta' kull tlett xhur

Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba mhumiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.

---

Kull korrispondenza għandha tkun indirizzata hekk:

L-Editur,
"Madonna Ta' Pinu"
Ċentru Kulturali Marjan
Ta' Pinu, Għawdex.
Nru. tat-Tel: 556187

---

**Abbonament għal sena**

Lokali: 60c
Sostenitur: £M1.

Barra minn Malta: £M1.
Sostenitur: £M2.

**INTENZJONI TA' DIN IL-ĦARĠA**

Biex permezz ta' Marija nersqu lejn Ġesù u fost il-bnedmin issaltan il-Paċi.

Gozo Press.

SENA II — Nru. 5

Jannar — Marzu 1981

---

**F'DIN IL-ĦARĠA:**


* Il-kelma tar-Rettur 129
* Omm tal-Ħniena 130
* Karmni Grima messaġġiera tal-Madonna 132
* Marija u l-morda 137
* Festi Marjani fil-kalendarju liturġiku matul iż-żminijiet (4) 139
* Ir-Rużarju Tarka ta' l-Insara 142
* Patri Lawrenz Cauchi 143
* Tħejjija għaċ-Ċentinarju tad-Dehra 147
* Saċerdoti Ħbieb tas-Santwarju 149
* Kronoka tas-Santwarju 150
* Lourdes and the Eucharist 154
* Marija l-Arka tal-liġi l-Ġdida 157
* Hail Mary 160


---

**STAMPA TAL-QOXRA:**

L-Istampa tal-qoxra turi l-Kwadru Mirakuluż li minnu l-Madonna ta' Pinu kellmet littwajba Karmela Grima fit-22 ta' Ġunju, 1883. Dan il-kwadru, xogħol il-pittur Amadeo Perugino, tpitter fis-sena 1619. Din ix-xbieha tal-Madonna ġiet inkurunata mill Kardinal Alessio Lepicier fil-1935.

# Il-Kelma tar-Rettur

*Il-kelma Paċi nsibuha fuq fomm il-bnedmin kollha imma spiss tkun maħsula bid-demm.*

*Miljuni u miljuni ta' bnedmin maħkuma mill-jasar, imxerrdin ma l-erbat irjieħ tad-dinja jgħollu kontinwament leħinhom biex forsi jsibu min jeħlishom mit-tbatija li jinsabu fiha u jagħtihom il-paċi.*

*Oħrajn iħabbru l-paċi bi propaganda fuq ir-radju u b' xeni fuq it-television li jgħattu l-kruha ta' din it-tbatija, juru rqajja ta' ġenna fuq l-art u jħabbru ġejjieni li qatt ma kien hawn bħalu.*

*Tant għaqdiet terroristiċi, li biex taparsi jsalvaw lil pajjiżhom u jġibu fih il-paċi ma jehdewx jirrikorru għas-serq, ħtif ta' nies li jkollhom ċertu pożizzjoni fis-soċjeta' u anke għall-qtil.*

*Nistgħu ngħidu li qegħdin f'saltna mondjali ta' gideb, saltna li tkattar il-gwerra u l-vjolenza mgħottija bil-ġustizzja u l-fermezza.*

*U dan isir mhux biss fuq livel nazzjonali imma anke fuq dak individwali. Kemm drabi fil-ħajja tagħna ta' kuljum niltaqgħu ma' talin li biex jilħqu l-iskopijiet ħżiena tagħhom jibbażaw l-argumenti tagħhom fuq il-ħaqq, l-ġustizzja u l-paċi?*

*Meta wieħed jara l-kaos li fih tinsab id-dinja donnu jaqta' qalbu li tinsab soluzzjoni.*

*Is-soluzzjoni hija waħda, "li ninżgħu mis-suppervja u l-egoiżmu tagħna u nħobbu lill-għajrna bħalma Ġesù ħabb lilna." Ġesù kien bin Alla frattant ħalla s-sema u sar bniedem bħalna u dan għamlu mhux biex jgħaddi ftit jiem ħieni ma ħbiebu l-bnedmin, imma biex ikun jista' jsofri u jieħu anke il-mewt ħalli jpatti għad-dnub tagħna u jerġa jħabbibna mal-Missier.*

*Infasslu mela l-ħajja tagħna fuq l-għemil u t-tagħlim ta' Sidna Ġesù biex il-Mulej ibierek is-sagrifiċċju tagħna u jagħtina l-vera paċi tant mixtieqa.*

**Mons. Benedittt Camilleri.**



Fit-30 ta' Novembru, 1980, l-ewwel Ħadd tal-Avvent, il-Papa Ġovanni Pawlu II ħareġ l-Enċiklika ġdida tiegħu "Dives in misericordia" (Għani fil-Ħniena), espressjoni meħuda minn San Pawl. Din l-ittra tal-Papa qajmet interess kbir fost l-insara Kattoliċi mxerrda mad-dinja kollha. Waqt li jitkellem miż-żminijiet messjaniċi, il-Papa jitkellem fit-tul (il-parag. 9) fuq il-Madonna fil-kuntest tal-Misteru tal-Għid: Marija, preżenti taħt is-Salib, hija dik li l-aktar kapaċi tagħraf fil-fond il-misteru tal-ħniena nfinita ta' Alla; u għalhekk Marija hija bir-raġun imsejħa "L-Omm tal-Ħniena".

Hawn ser inġibu din is-silta marjana tal-Enċiklika, li tibda billi tagħmel referenza għall-kliem tas-Salm: "Inkanta għal dejjem il-Ħniena tal-Mulej."

# OMM TAL-HNIENA

"F'dan il-kliem tal-Knisja fi żmien il-Għid, jidwi l-kliem profetiku li qalet Marija meta żaret lil Elisabetta, mart Żakkarija: "Il-ħniena tiegħu ...... f'kull żmien". Dan il-kliem mill-ewwel mument tal-Inkarnazzjoni, juri dehra ġdida tal-istorja tas-salvazzjoni. Wara l-qawmien ta' Kristu mill-imwiet din id-dehra hi ġdida kemm fl-aspett storiku u kemm fl-aspett eskatoloġiku tagħha. Minn dak iż-żmien kien hemm nisel wara l-ieħor ta' bnedmin, dejjem jiżdiedu fil-għadd, kien hemm nisel wara ieħor tal-Poplu ta' Alla, immarkat bis-sinjal tas-Salib u tal-qawmien mill-imwiet, u 'issiġġillat" bis-siġill tal-misteru ta' l-Għid ta' Kristu, għax f'dan il-Poplu jseħħ ir-rivelazzjoni sħiħa ta' dik il-ħniena li Marija ħabbret fuq il-għatba tad-dar tal-qariba tagħha Elisabetta: "Il-ħniena tiegħu ......... f'kull żmien."

Marija hija dik li b'mod tassew tal-għaġeb, b'mod li ma hemmx ieħor bħalu, għarfet x'inhi l-ħniena, u ebda ħadd ieħor ma għarafha qatt daqsha; fl-istess waqt, b'mod tassew speċjali, permezz tas-sagrifiċċju ta' qalbha seta' jseħħ it-tisħib tagħha fir-rivelazzjoni tal-ħniena ta' Alla. Dan is-sagrifiċċju ta' qalbha hu marbut b'rabta liema bħalha mas-sagrifiċċju ta' Binha fuq is-Salib, li fejnu qagħdet fuq il-Kalvarju. Is-sagrifiċċju tagħha hu tisħib tassew speċjali fir-rivelazzjoni tal-ħniena, jiġifieri hu tisħib fil-fedeltà sħiħa ta' Alla għall-imħabbtu, u għall-patt li sa minn ewl id-dinja ried u, tul iż-żmenijiet, għamel mal-bniedem, ma' poplu, mal-bnedmin kollha; hu tisħib fir-rivelazzjoni li saret darba għal dejjem permezz tas-Salib. Bħal Marija, Omm l-Imsallab, ħadd ma ġarrab il-misteru tas-Salib, jiġifieri l-għaq-

da tal-ġustizzja ta' Alla, li tiżboq, kollox, mal-imħabba tiegħu tal-għaġeb: "il-bewsa" mogħtija lill-ġustizzja mill-ħniena. Daqs Marija ħadd ma laqa' f'qalbu dan il-misteru: jiġifieri l-qofol tal-ħidma ta' Alla fil-fidwa li seħħet fuq il-Kalvarju bil-mewt ta' Binha flimkien mas-sagrifiċċju tal-qalb tagħha ta' omm u bil-"fiat" sħiħ tagħha ("Ikun minni skond kelmtek").

Marija għalhekk hija dik li għarfet l-għoli kollu tal-misteru tal-ħniena ta' Alla; għarfet ukoll kemm tiswa u fehmet kemm kienet tassew tal-għaġeb. Għalhekk insejħulha Omm il-Ħniena, Sidtna tal-Ħniena, Omm il-ħniena ta' Alla. F' dawn it-titoli hemm moħbija qawwa teoloġika kbira, għaliex juru kemm u kif kienet imħejjija ruħha, l-intelliġenza tagħha, anzi hija kollha kemm hi, biex tagħraf il-ħniena, l-ewwel fil-ġrajja mqallba ta' Israel, imbagħad fil-ġrajja ta' kull bniedem u fl-aħħar tal-bnedmin kollha kemm huma, dik il-ħniena li "f'kull żmien" għandha sehem minnha għax hekk minn dejjem riedet it-Trinità Qaddisa.

It-titoli mogħtijin lil Omm Alla, li għadna kemm semmejna, jitkellmu l-ewwelnett fuqha bħala Omm l-Imsallab u l-Irxoxt; jiġifieri jitkellem fuq dik li ġarrbet ħniena b' mod tassew tal-għaġeb u bl-istess mod speċjali "immeritat" din il-ħniena tul ħajjitha kollha fuq l-art u l-aktar fejn is-Salib ta' Binha; u fuq dik li, fil-moħbi imma fl-istess ħin imsieħba b'mod tal-għaġeb fil-missjoni ta' Binha bħala Messija, intgħażlet b'mod speċjali biex twassal lill-bnedmin dik l-imħabba li Binha ġie biex jurihom, dik l-imħabba li tintwera b'mod l-aktar konkret ma' dawk li qed ibatu, mal-fqar, ma' dawk li huma mċaħħdin mil-libertà tagħhom, mal-għomja, mal-maħqurin; mal-midinbin, kif qal Kristu fuqhom bi kliem il-profeta Isaija l-ewwel fis-sinagoga ta' Nazaret, imbagħad meta wieġeb għall-mistoqsija ta' dawk li bagħat għandu San Ġwann Battista.

Hi proprju f'din l-imħabba "kollha ħniena", li l-aktar tidher fejn hemm id-deni tar-ruħ u tal-ġisem, li kellha sehem b'mod tassew speċjali u singulari l-qalb ta' dik li kienet Omm l-Imsallab u l-Irxoxt: li kellha sehem Marija. U fiha u biha din l-imħabba ma tehda qatt tidher fil-Knisja u fil-ġrajja tal-bniedem. Dan il-mod kif tintwera l-imħabba jagħti kotra ta' frott, għaliex, f' Omm Alla, ġej minn kif taħdem il-qalb tagħha ta' omm, minn kif tħoss għall-oħrajn, minn kemm tasal biex tilħaq lil dawk kollha li aktar ma-lajr lesti biex jilqgħu l-imħabba kollha ħniena li turi l-omm. Dan huwa wieħed mill-misteri kbar tat-twemmin nisrani, misteru li jagħti l-ħajja, misteru b'rabta liema bħalha mal-misteru tal-Inkarnazzjoni.

Fuq dan, il-Konċilju Vatikan II igħallimna li Marija saret ommna u għadha ommna fl-ordni tal-grazzja; bdiet tkun ommna minn dak il-waqt li, b'fidi kbira, laqgħet il-messaġġ li tħabbrilha mill-Anġlu; bla biża' ta' xejn baqgħet iġġib ruħha ta' ommna fejn is-Salib; u għadha u tibqa' dejjem ommna sa ma sseħħ għal kollox ix-xirka kollha tal-magħżulin. Għax għalkemm ġiet imtellgħa s-sema hija ma telqitx minn taħt idejha din il-ħidma għas-salvazzjoni tagħna, imma għadha tidħol għalina b'kull mod biex Alla jagħtina l-grazzji meħtieġa għas-salvazzjoni ta' dejjem. Fl-imħabba tagħha ta' omm, hija l ħin kollu taħseb f'ħut Binha fil-mixi tagħhom lejn is-sema, fost it-tiġrib u d-dwejjaq kollu tal-ħajja, sa ma jaslu fil-hena tas-sema pajjiżhom".

# Is-Santwarju ta' Pinu u d-Devozzjonijiet Marbutin Miegħu

Mill-E.T. MONS. NIKOL Ġ. CAUCHI, ISQOF T'GĦAWDEX

# KARMNI GRIMA MESSAGGIERA TAL-MADONNA

Qabel ma nkomplu nirrakkontaw il-ġrajjiet tas-santwarju ta' Pinu, tajjeb li nitfgħu l-attenzjoni tagħna fuq iż-żewġ personaġġi l iwettqu l-missjoni li jwasslu l-messaġġ li l-Madonna xandret minn dan il-post qaddis, u nipprovaw insiru nafu aħjar minn kienu.

Karmni Grima kienet iż-żgħira fost il-ħames ulied (Anġelika, Ġużepp, Pawlu, Ġanna, Karmni) li kienu jiffurmaw il-familja ta' Tumas Grima u martu Antonja mwielda Apap mill-Għarb, Għawdex. Hija twieldet fit-2 ta' Frar 1838. Kienu nies li jaħdmu fir-raba bħal biċċa l-kbira tal-abitanti tal-istess raħal ta' dak iż-żmien. Il-ħajja tagħhom kienet mgħoddija fix-xogħol iebes, minn filgħodu kmieni sa ma jidħol il-lejl sewwa, ħajja aktarx fqira, bla divertiment u tlellix tad-dinja, imma ħajja ħienja għaliex mogħdija taħt il-ħarsa t'Alla, fil-għożża u l-ħarsien tal-Liġi Mqaddsa Tiegħu.

Huma kienu jgħixu f'tarf ir-raħal, f'dar li tiġi man-naħa tax-xellug tat-triq li mir-Rabat twassal għal Għarb. Kienet dar mibnija l-antika, il-biċċa l-kbira minnha mqawel u bitħa għall-bhejjem u xi għorfa għall-ħażna tal-ġwies tagħhom, kif kienu jużaw jibnu l-bdiewa Għawdxin. Fil-parti t'isfel kellhom ukoll mitħna li tithan il-qamħ. Pero' l-kmamar tas-sular ta' fuq li fihom kienet tabita l-familja ta' Tumas Grima, kellhom twieqi arjusi li minnhom il-ħarsa tinfirex fuq l-għelieqi jħaddru fix-xitwa, mxabbtin mal-għoljiet ta' Għammar u ta' Ġurdan, tilmaħ fil-bogħod is-santwarju qadim Ta' Pinu u tasal sal-baħar kaħlani.

Din id-dar, illum hija Mużew li ġie miftuħ fl-1964 u ħafna minn dawk li jżuru s-Santwarju ta' Pinu, ma jonqsux li jagħtu titwila f'dan il-post ukoll.

F'din id-dar raħlija, twieldet Karmni Grima. Missierha kif kienet id-drawwa tal-Għawdxin,

ma tilifx żmien sabiex jaħseb għall-Magħmudija tagħha, imma ried li fl-istess jum li twieldet għall-ħajja tal-ġisem, bintu titwieled ukoll għall-ħajja sopranaturali. F'jum il-Kandlora, festa tal-Madonna, li fiha nfakkru l-ġrajja ta' meta Hija ppreżentat lil binha Ġesù fit-tempju, Tumas Gri-



**Id-Dar fejn twieldet, għexet u mietet Karmni Grima**

ma ħa lil bintu tarbija fil-knisja tal-Għarb, fejn l-Arċipriet, il-Kanoniku Dun Pubbliju Refalo, għammidha bl-ismijiet ta' Karmela, Grazzja u Ġużeppa. Bħala parrinijiet kellha lil Dun Ġużepp Sal'ba u lil Marija Apap bint Nikola. (22)

Ftit wisq nafu fuq it-tfulija u fuq iż-żgħożija ta' Karmni, imma ma nkunux nitbegħdu mill-verità, jekk nistħajjlu li kienet tixbaħ lil dik ta' l-ulied l-oħra tal-bdiewa Għawdxin tas-seklu l-ieħor. It-talb kellu parti mportanti mill-ħin tal-ġurnata. Il-quddiesa ta' kull fil-għodu, kważi ma tonqos qatt. Ir-reċita tar-Rużarju tagħlaq il-ħidma tal-jum. Mill-bqija t-tfal tal-bdiewa kienu jgħaddu l-ħin tagħhom, billi jagħtu xi daqqa t'id lill-ġenituri u lil ħuthom, il-kbar billi jiġbru l-ħaxix, jaħsdu u jagħmlu xogħol ieħor fir-raba jew inkella jindokraw xi merħla żgħira ta' nagħag jew mogħoż li jkunu jirgħaw fl-għelieqi. Il-bniet, imbagħad, kienu jgħinu wkoll fit-tindif tad-dar, fil-ħasil tal-ħwejjeġ, fil-ġarr tal-ilma

minn xi bir u fit-tisjir tal-ikel. Karmni kienet tgħallmet il-ħjata, kienet taf taħdem il-bizzilla kif ukoll xi ħaġa tarrakkmu ħafifa.

F'din il-ħajja umli u moħbija, imżewwqa bix-xogħol, bit-talb u bid-devozzjonijiet reliġjużi, Karmni għaddiet l-ewwel parti ta' ħajjitha, sakemm laħqet l-eta' ta' ħamsa u erbgħin (45) sena, meta hija kellha l-esperjenza straordinarja li semgħet il-leħen tal-Madonna ta' Pinu, esperjenza li dwarha nitkellmu f'taqsima oħra.

Għad li l-parti l-kbira tal-ħin tagħha, Karmni kienet tgħaddiha fix-xogħol tad-dar u fit-talb, iżda hija kienet issib żmien sabiex twettaq xi ħidma għall-ġid spiritwali ta' għajra jew fi kliem ieħor sabiex tagħmel apostolat.

Ħaġa li kienet għal qalbha ħafna kienet li titkellem fuq il-Madonna u li tħajjar lill-oħrajn sabiex iħobbuHa u jqimuHa dejjem iktar. Hija kellha d-drawwa li damet sejra sa ftit snin qabel mewtha, li fil-festi tal-Madonna, speċjalment fil-Kunċizzjoni u fil-Lunzjata, tiġbor għadd ta' xbejbiet twajbin u flimkien jorganizzaw bħal ċerimonja żgħira. Il-kwadru tal-Madonna kien jiġi mqiegħed fuq speċi ta' altar u mdawwar bil-fjuri u u bix-xemgħa. Karmni kienet tirreċita r-Ružarju u l-kurunella, u wara kien isir kant ta' xi innijiet.

Id-Direttur spiritwali tagħha kien taha parir li titlob spiss għall-konverżjoni tal-midinbin u għall-qdusija tas-saċerdoti. Dan sar għalhekk parti mportanti mill-ħajja spiritwali tagħha, it-talb li fih is-saċerdoti u l-midinbin kienu fost l-ewwel kategoriji li tiftakar fihom.

Ma kenitx tikkuntenta biss li titlob għall-midinbin, imma xi drabi kienet tavviċinahom ukoll u tipprova tressaqhom lejn Alla. Fl-24 ta' Frar 1914, Karmni stqarret mad-direttur spiritwali tagħha Dun Anton Vella li hija kienet sejra għand persuna u titlobha f'isem il-Madonna biex tbiddel ħajjitha.

Karmni kellha wkoll sentimenti ta' karità speċjali lejn is-saċerdoti għax kienet tara fihom il-ministri t'Alla u r-rappreżentanti ta' Kristu. Fis-19 ta' Diċembru 1914, irrakkontat lil Dun Anton li f'dawk l-granet, waqt li kienet sejra Ta' Pinu, imċejjqa bis-slaleb tagħha, ħasset minnufih il-faraġ ta' Kristu. F'dak il-mument irċiviet bħal dawl speċjali li ġegħelha tifhem li kellha titlob għal wieħed qassis li kien ġej fuqu salib tqil. L-



**KARMNI GRIMA**

għada dak is-saċerdot mar għandha ukoll mdejjaq u nsista magħha biex titlob għalih. Huwa ma tahiex tagħrif iktar imma Karmni kienet diġa għarfet kollox. Huwa qalilha biss: "Jagħmel ħażin ħafna min ikollu salib u jipprova jeħles minnhu, għaliex floku jiġih ieħor wisq u wisq itqal." Fis-17 ta' Frar 1920, Karmni stqarret li hija kienet titlob kuljum għas-saċerdoti kollha. Id-Direttur Spiritwali kien iżomm nota ta' dak li tgħidlu Karmni, u minn dak li ħalla miktub hu ħadna dan it-tagħrif.

Il-ħajja ta' Karmni kienet ħajja twila, ta' iktar minn tmenin sena, iżda l-aħħar ħmistax il-ġurnata kienet mitfugħa f'qiegħ ta' sodda, fejn ġarrbet b'rassenjazzjoni liema bħala t-tbatijiet tal-marda li kellha u t-telqa tax-xjuħija. Kien jidher li l-ħajja tagħha kienet qegħda tintefa bilmod il-mod. F'lejliet il-festa tat-tlugħ fis-sema ta' Kristu tal-1922 hija bdiet l-agonija tagħha.

Karmni qarret għall-aħħar darba u rċiviet l-assoluzzjoni minn idejn il-Monsinjur Ġużeppi Cefai, li kien qararha bosta drabi f'ħajjitha. Il-Kanoniku Dun Dward Grima qarbinha bil-Vjatiku Mqaddes u l-Kanoniku Dun Ġużepp Grech għamlilha l-Griżma tal-morda. Karmni tat l-aħħar nifs ta' ħajjitha fil-festa tat-Tlugħ ta' Kristu fis-sema, fil-25 ta' Mejju 1922, fis-sagħtejn nieqes kwart ta' bil-lejl (1.45 a.m.). Kellha erbgħa u tmenin (84) sena. (23)

Il-funerali tagħha, saru b'sollenità kbira fil-knisja kolleġjata tal-Għarb u fihom ħa sehem il-poplu kollu ta' dak ir-raħal, kif ukoll nies minn imkejjen differenti t'Għawdex.

Il-katavru tagħha għall-ewwel ġie midfun fil-qabar numru 17, taħt il-paviment tal-knisja tal-Għarb, kif kienet l-użanza dik il-ħabta, meta d-dfin fiċ-ċimiterju kien għadu ma sarx obbligatorju. Għaxar snin wara, jiġifieri fit-23 ta' Novembru 1932, il-fdal tagħha, ġie ttrasportat mill-knisja tal-Għarb għas-Santwarju Ta' Pinu, fejn illum tinsab midfuna fil-kappella tal-Kunċizzjoni taħt lapida li ġġib dawn il-kelmiet: "Sub umbra Dei Parentis, Carmelae Grima huc translati rii cineres quiescunt." (Taħt il-ħarsien tal-Omm t'Alla, jistrieħ hawn fejn ġie miġjub, l-għadam għażiż ta' Karmni Grima). (24)

**REFERENZI:**


(22) Liber Baptizatorum tal-Parroċċa tal-Għarb Vol. III paġ. 399.

(23) Liber Mortuorum tal-Parroċċa tal-Għarb. Vol. VI paġ. 108 n. 316.

(24) D. Nikol G. Cauchi "Karmni Grima" paġ. 37-39.


L-Omm ta' Ġesù kif fis-Sema hi glorifikata fil-ġisem u fir-ruħ, hi xbieha u bidu tal-Knisja li għandu jkollha t-tmiem fi żmien li ġej, hekk ukoll fuq l-art tixgħel quddiem il-poplu ta' Alla fi Triqtu bħala dawl ta' tama żgura ta' konsolazzjoni, sakemm ma jasalx jum il-Mulej.

**(Lumen Ġentium parag. 68)**

# MARIJA U L-MORDA

minn

**DUN MIKIEL ATTARD**

Għal min għandu l-fidi Marija u l-morda huma żewġ kelmiet għeżież. Marija omm Ġesu, bit-tbatija u d-duluri tagħha hi l-korredentriċi ewlenija, is-sieħba prinċipali fil-passjoni u l-mewt ta' Ġesù. U l-morda huma dawk li kif jgħid San Pawl iġorru u jkomplu f'ġisimhom dak li jonqos mill-passjoni ta' Kristu. Mhux għax il-passjoni ta' Ġesù jonqosha xi ħaġa, iżda għax bit-tbatijiet u l-iskomdi tagħhom, il-morda japplikaw u jwettqu fi żmienna l-frott tal-passjoni u l-mewt ta' Ġesù għall-fidwa tagħhom u ta' l-oħrajn. Għalhekk bil-fidi u ftit devozzjoni nistgħu nilmħu rabta sabieħa bejn Marija u l-morda. Bir-raġun fil-Liturġija tagħha lil Marija nsejħulha "Saħħa tal-morda" għaliex żgur li tagħtihom is-saħħa tar-ruħ jekk jgħarfu jispiritwalizzaw il-mard tagħhom. Biex din ir-rabta bejn Marija u l-morda tkun meritu-ża u tħalli l-frott nissuġġerixxu 3 mumenti ta' imitazzjoni li l-morda jistgħu iwettqu b'dan il-ftit tagħlim li ġej.

## L-"IVA" lill-Mulej

Il-qofol tal-qdusija ta' Marija hu li dejjem għexet fl-ispirtu tal-kelmiet li qalet lill-anġlu Gabriel li ħabbrilha l-pjan t'Alla: Hawn hi l-qaddejja tal-Mulej ikun minni skond kelmtek". Dan hu eżempju ta' rassenjazzjoni ezatta ma' dak li jitlob is-Sinjur Alla. U din l-imġieba Marija urietha sa fuq il-Kalvarju u matul il-ħajja tagħha kollha.

Kemm tkun ħaġa sabieħa li l-morda fuq l-eżempju u bl-interċessjoni ta' Marija jkunu rassenjati wkoll u jgħidu spiss il-kliem tal-Missierna b'fidi u tama "Ikun li trid int". Anke meta din il-kelma hi tqila meta l moħħ ikun imdallam, meta kollox jidher ikraħ, xi qdusija tkun li ngħidu "Iva" lill-Mulej! X'Paċi

tinżel fil-qalb tal-morda. Għalkemm il-mard jista' xi drabi ma jkunx ġej minn Alla direttament, iżda biss jippermettieh, neħduh bir-rassenjazzjoni minn idejn Alla bħala l-kalċi tal-Missier kif għamel Ġesù allavolja l-passjoni tiegħu ġiet minn Annas, Kajfas u Pilatu. X'merti kbar ikollna.

### Is-Sens ta' Apostolat u Altruistiku

Marija kienet ħsiebha f'ħaddieħor u mhux preokkupata biha nfisha biss. F'Nazzaret il-ħsieb prinċipali tagħha kien Ġesù u Ġużeppi. Meta Ġesù beda l-ħajja publika bdiet tmur warajh u ħsiebha kien kif tagħmel il-ġid lill-oħrajn. Mit-tieġ ta' Kana sa fuq il-Kalvarju meta fil-persuna ta' San Ġwann aċċettat il-bnedmin kollha bħala uliedha; sa mit-tlugħ ta' Ġesù fis-sema saddehriet ta' żmienna, fosthom ta' Pinu, Marija, biex ngħid hekk il-ħin kollu tara x'tagħmel għall-Knisja, għall-poplu t'Alla fil-mixja tiegħu f'din l-art.

Kemm tkun ħaġa sabieħa li l-morda ma jkunux iffissati biss fuq il-mard tagħhom, iżda jaraw x'ġid jistgħu jagħmlu lill-oħrajn speċjalment bl-offerta tat-tbatija tagħhom għall-intenzjonijiet ta' apostolat. Din l-offerta tiswa aktar mill-aqwa attività pastorali. Hekk uriena Ġesù li fdiena l-iktar mhux bid-diskorsi sbieħ iżda bit-tbatija tal-passjoni u l-mewt fuq is-Salib. Jitgħallmu mela l-morda jgħixu fil-grazzja t'Alla u kull ġurnata ta' mard joffruha għal xi skop ta' ġid spiritwali għall-bniedem. X'ġid fuq il-Knisja tħalli offerta bħal din l-aktar meta tkun magħquda ma' Ġesù speċjalment fit-Tqarbin Imqaddes. Il-morda jistgħu flimkien u permezz ta' Marija joffru t-tbatijiet tagħhom għall-qdusija tas-saċerdoti u seminaristi, għall-missjunarji, għall-midimbin, għall-Leġjunarji li jmorru Peregrinatio Pro Christo, għall-erwieħ tal-Purgatorju u l-bqija. X'ġid għall-oħrajn u x' mertu għalihom infushom!

### It-Tama u l-ottimiżmu

Jekk bejn Marija u l-morda jkun hemm xebħ f'dak li hu iebes u speċi ikraħ, ikun hemm bir-raġun ukoll tisħib f'dak li hu sabieħ u glorjuż. Jekk Marija kienet l-iktar li sofriet fil-passjoni ta' Ġesù, kienet hi ukoll l-iktar li ferħet u qasmet mir-rebħ ta' Kristu Irxoxt. Hekk il-morda, jekk fit-tbatijiet tagħhom ikunu magħqudin ma' Ġesù u Marija, bir-rassenjazzjoni u bl-offerta tas-sofferenzi għall-intenzjonijiet ta' apos'olat jaqsmu mill-qrib mill-frott tal-Għid u r-rebħ ta' Ġesù fuq il-ħażen, id-dnub u t-tbatija. U s-sehem ta' dan l-akkwist ikun skond kemm ikun tqil u b'liema fidi ngorruh. Għalhekk sa ċertu punt, iktar ma jkun iebes il-mard, jekk aċċettat b'fiduċja f'Alla, iktar ikun il-mertu u l-premju. Dan il-premju jingħata mhux biss fil-Ġenna wara l-mewt, iżda b'xi mod u manjiera jingħata wkoll fuq din l-art. Għaliex il-morda rassenjati jista' jkollhom dik il-paċi tal-qalb u kalma tal-moħħ li lanqas l-iktar divertiment u tgawdija tal-ħajja, mingħajr rabta u dipendenza minn Ġesù ma jistgħu jagħtu. Min qed jikteb jaf nies morda fid-dar jew fl-isptar li huma aktar kuntenti u sodisfatti bil-ħajja minn ħafna żgħażagħ f'saħħithom li min ġo 'night club' ħerġin u ieħor deħlin. Dawn huma fatti veri.

Hu x'inhu l-istat ta' ħajjitna, iżda l-iktar fil-mard, ngħamlu bħal Marija: Inżommu l-għaqda ma' Ġesù li qal: "Jien irbaħt id-dinja. Ġesù rebaħ id-dinja minn fuq u permezz tas-salib u l-mard hu sehem mis-salib ta' Ġesù. Ngħidu IVA lil Mulej għal dan is-sehem fil-pjan tal-fidwa u noffruh permezz ta' Marija.

# FESTI MARJANI FIL-KALENDARJU LITURGIKU MATUL IZ-ZMENIJIET (4)

MILL-KAN. PREP. DUN SALV CAMILLERI

**24 ta' Mejju: IL-MADONNA GHAJNUNA TAL-INSARA**

Wara r-rebħa ta' l-insara fuq it-Torok f'Lepanto, biex ifakkar l-għajnuna qawwija li tat il-Verġni tal-Vittorja Marija Santissima fl-1571, il-Papa Dumnikan San Piju V kien daħħal fil-Litanija tal-Madonna t-talba: "Għajnuna tal-Insara, itlob għalina". Aktar 'il quddiem, meta l-Papa Piju VII, wara 5 snin eżiljat minn Napuljun, reġa' lura Ruma fl-24 ta' Mejju, 1814, fost il-ferħ tad-dinja nisranija kollha, waqqaf din il-festa li daħlet f'ħafna djoċesijiet ta' Franza u tal-Italja. Bdiet issir fl-1815. Fit-8 ta' Diċembru, 1862, San Ġwann Bosco poġġa l-għaqda tiegħu tas-Sależjani taħt il-ħarsien tal-Madonna Għajnuna tal-Insara, biex Marija Santissima tgħinhom iħarsu u jiddefendu l-fidi nisranija.

**31 ta' Mejju: FESTA TAL-VIŻITAZZJONI TAL-MADONNA**

Din il-festa bdiet issir fil-bidu mill-Franġiskani bl-ordni tal-Ġeneral tagħhom San Bonaventura fl-1263. Kienet issir fit-2 ta' Lulju bħala tifkira ta' meta l-Madonna reġgħet lura lejn darha wara ż-żjara li għamlet lill-kuġina tagħha S. Eliżabetta u t-twelid ta' San Ġwann Battista u ċ-ċirkonċiżjoni tiegħu u l-għotja ta' ismu tmint ijiem wara twelidu. Meta l-Knisja tal-Punent infirdet mill-Knisja ta' Ruma, il-Papa Urbanu VI daħħal din il-festa fil-Knisja kollha biex il-Verġni Mqaddsa Marija titfa' kull faraġ, barka u hena fuq il-Knisja ta' Kristu mħarbta u mnikkta kif ġara fid-dar ta' Żakkarija. Billi l-Papa Urbanu miet fid-9 ta' Novembru, 1389, il-Papa ġdid Bonifazju IX kien xandarha u żejjinha bil vġili u l ottava u talab lill-Madonna li treġġa' lejn il-merħla ta' Kristu lil dawk l-ulied li kienu ħallewha. Tliet għorrief li ħadmu kważi fl-istess żmien biex iżjenu din il-festa b'innijiet u qari sbieħ kienu (a) Adam Easton, Kardinal ta' Santa Ċeċilja (+1397) li niseġ tliet innijiet; (b) Rajmondo de Vinces, Ġeneral tal-Patrijiet Dumnikani (+1399) li ta f'idejn l-Ordni tiegħu tal-Predikaturi, l-uffizzju sabiħ għal din il-festa; (c) Mons. Ġwanni Jenstein, Arċisqof ta' Praga, Kanċillier tal-Bohemia bil-priedki tiegħu. Aktar 'il quddiem, San Piju V żamm din il-festa iżda neħħa l-uffizzju proprju tagħha, il-vġili u l-ottava. Il-Papa Piju IX, fil-31 ta' Mejju, 1850, meta reġa' lura f'Ruma mill-eżilju fejn kien, għolla din il-festa għal sekonda klassi bħala radd il-ħajr lill-Madonna għax kisbet il-paċi lill-Knisja Kattolika. Fl-aħħar tibdila fil-Kalendarju tal-Knisja li saret wara l-Konċilju Vatikan II u mxandra fil-Kostituzzjoni Apostolika li jisimha "Laudis Canticum" tal-1 ta' Novembru,1970, din il-festa tpoġġiet fil-31

ta' Mejju u ħadet xejra isbaħ. Ġiet imżejna wkoll b'innijiet proprji u talba ġdida li tgħid hekk: "O Alla ta' dejjem li tista' kollox, meta l-Verġni Mqaddsa saret Omm Ibnek qabel ma tatu lid-dinja, inti nebbaħtha biex tmur iżżur lil Eliżabetta: agħtina nitolbuk, li aħna ngħbu ruħna skond ma jnebbaħna l-Ispirtu s-Santu, biex inkunu nistgħu, flimkien ma' Marija, infaħħru għal dejjem il-kobor tiegħek. B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna. Amen".

*"Imbierek̄a int fost in-nisa, u mbierek il-frott ta' ġufek! U mnejn ġieni dan, li tiġi omm il-Mulej għandi? Għax ara, mindu wasal leħen it-tislima tiegħek f'widnejja qabżet bil-ferħ it-tarbija f'ġufi. U mbierka dik li emmnet li jseħħ dak li qalilha l-Mulej"*

*(Luqa 1, 42-45)*



Ħafna istituti reliġjużi xerrdu l-festa tal-Viżitazzjoni u Santa Ġovanna Franġiska de Chantal, fuq il-parir ta' l-Isqof S. Franġisk de Sales, fis-6 ta' Ġunju, 1510, jum is-Santissima Trinità, waqqfet il-Kongregazzjoni tas-Sorijiet tal-Viżitazzjoni li fuq l-eżempju ta' Marija fiż-żjara tagħha lill-qaribtha, iżuru l-morda fid-djar tagħhom, fl-isptarijiet u fil-ħabsijiet, u jfarrġu u jgħinu lil kulħadd. Iktar 'il quddiem, dawn is-sorijiet ġew immexxija minn San Vinċenz de Paoli. Minn fost dawn is-sorijiet, Ġesù għażel lil Santa

Margerita Marija Alacoque fl-1675 biex juriha t-teżori ta' mħabba u biex ikabbar iktar l-imħabba lejn il-Qalb tiegħu divina.

**Is-Sibt, wara s-Solennità tal-Qalb ta' Ġesù:**
**TIFKIRA TAL-QALB BLA TEBGħA TA' MARIJA**



Sa mis-seklu 17, bdiet il-qima lejn il-Qalb bla Tebgħa ta' Marija billi San Ġwann Eudes ħadem wisq biex tikber id-devozzjoni lejha flimkien ma' dik tal-Qalb ta' Ġesù; u bħala distintiv tal-kongregazzjoni tiegħu, ried li jkollu dawn iż-żewġt iqlub mgħaqqdin flimkien. Sa mis-sena 1646, ma' sħabu reliġjużi, iċċelebra l-festa tagħha fit-8 ta' Frar, 1647 bl-uffizzju u l-quddiesa li kiteb hu stess. Ħafna Isqfijiet Franċiżi daħħlu din il-festa fid-djoċesi tagħhom. Iżda l-Kongregazzjoni tar-Riti, b'digriet tat-8 ta' Ġunju, 1669, warrbet din il-festa. Imma fil-bidu tas-seklu 19, fi żmien il-Papa Piju VII reġgħet bdiet issir fit-III Ħadd wara Għid il-Ħamsin. Piju IX approva l-uffizzju u l-quddiesa proprji u ppermetta l-festa tagħha lil dawk li talbuhielu. Kien il-Papa Piju XII, bid-digriet tal-Kongregazzjoni tar-Riti tal-4 ta' Mejju, 1944, li ried li tiġi ċċelebrata din il-festa fil-Knisja kollha Latina wara li fl-1942, meta fl-eqqel tal-gwerra li kważi ħakmet id-dinja kollha, ġietu ħniena mid-dwejjaq tal-popli, u mimli tama u ħlewwa lejn il-bnedmin, ikkonsagra lill-Qalb tagħha l-aktar ħanina l-bnedmin kollha. Xterrdet ħafna din id-devozzjoni wara d-dehriet ta' Fatima fl-1917. Il-Vanġelu skond San Luqa jsemmi darbtejn il-Qalb ta' Marija u jgħidilna li kienet dejjem timmedita u taħseb bla ma taqta' fuq il-misterji ta' Binha Ġesù (Luqa Kap 2, 51). Fid-dar tal-qassis Żakkarija hija tħoll ilsienha biex bil-Kantiku ta' ħniena u ta' radd il-ħajr tfaħħar lil Alla li mlieha b'kull barka u kobor. U fit-tempju ta' Ġerusalem, fil-preżentazzjoni ta' Ġesù Bambin, ix-xwejjaħ Xmuni l-profeta ħabbrilha li sejf ta' niket kellu jinfdilha Qalbha. (Luqa 2, 35).

Is-Santi Padri ma naqsux li jitkellmu minn din il-Qalb biex juru l-virtù tagħha, l-aktar l-umiltà, il-purità, il-karità, il-fidi u l-qawwa, l-aktar Sant'Ambroġ fid-diskorsi tiegħu lill-Verġni. San

ikompli f'paġna 148

# *Ir-Ruzarju Tarka ta' l-Insara*

Għaddew kważi madwar elfejn sena
minn dik l-għodwa ta' żmien ir-Rebbiegħa,
meta l-Anġlu mibgħut mis-Setgħani
deher fid-dwejra tax-Xebba Lhudija.

B'dik il-bxara li ntbagħtet mis-sema
il-ħsieb t'Alla ried l-anġlu juriha,
x'ħin tennielha tislima sabieħa,
bil-kliem ħelu ta' l-Ave Marija.

Baqgħet tidwi mas-snin dit-tislima,
fuq il-fomm tal-bnedmin ta' kull ġens,
għaliex b'hekk ħafna kellhom il-faraġ.
F'kull tiġrib u f'kull hemm sabu l-wens.

Ta' kull darba li dehret Marija
bil-kuruna f'idejha, wissitna,
biex jingħad ta' kull jum ir-Rużarju
bi tpattija tal-koroħ ħtijietna.

U rajniha titwettaq dil-wegħda
fil-ġrajjiet l'għaddiet minnhom dil-gżira.
Żmien ta' għaks, xhur ta' mard, snin ta' gwerer,
kienu lkoll tal-Mulej iċ-ċanfira.

Iżda kattru l-imħabba għall-Madonna
u ġo l-akbar u l-iċken santwarju,
il Maltin u l-Għawdxin bl-akbar qima,
ta' kuljum baqgħu jgħidu r-rużarju.

Jekk did-drawa nkomplu ngħożżuha
l-ebda għadu ma jkun jista' għalina.
Tul ħajjitna u waqt il-mewt tagħna
bil-mant tagħha l-Madonna tgħattina.

**Julian Refalo Rapa.**

# Religjuzi Agostinjani Devoti tal-Madonna Ta' Pinu (1)

Minn P. SERAFIN BORG O.S.A.

## PATRI LAWRENZ CAUCHI

Reliġjuż Agostinjan Għawdxi li tassew kien iħobb il-Madonna ta' Pinu kien il-Patri Lawrenz Cauchi. P. Cauchi kellu qima w mħabba tal-għaġeb lejn il-Madonna. Mhux biss. Iżda ħabbrek kemm felaħ biex ixerridha fil-Gżira Għawdxija.

Patri Lawrenz twieled fit-22 ta' Awissu, 1834, minn Mikelanġ u Ġovanna mwieldha Cauchi, ir-Rabat, Għawdex. Ġie mgħammed minn Dun Mikiel Sammut fil-knisja ta' San Ġorġ, illum Bażilika u Kolleġġjata. Fil-magħmudija tawh l-ismijiet ta' Lawrenz, Salvu u Koronat. (1).

Żagħżugħ ta' karattru ferrieħi u dħuli, iżda mżejjen b'dehen u ħeġġa li jħaddem il-ħajja reliġjuża, Patri Cauchi rċieva l-libsa Agostinjana fil-kunvent ta' Santu Wistin, ir-Rabat, Malta. Fl-20 ta' Diċembru, 1857 seħħet l-isbaħ u l-għola xewqa tiegħu, meta hu ġie ordnat Saċerdot ta' Kristu. Kien jum sabieħ u għażiż għalih.

Patri Lawrenz għadda ħajtu ta' reliġjuż fil-kunvent ta' Santu Wistin, ir-Rabat, Għawdex. Diġa' fis-sena 1860, aħna nsibuh f'dan il-kunvent jaqdi b'reqqa dmirijietu ta' Qaddej t'Alla. L-uffiċċju ta' Sagristan Maġġur, ta' Organista u Surmast tal-Kor qdiehom bil-fedelta kollha.

Iżda dan l-Appostlu fervoruż u qalbieni tal-Madonna jibqa magħruf fit-tixrid tad-devozzjoni tiegħu lejn il-Madonna ta' Pinu u li tinsab meqjuma b'għożża kbira fis-Santwarju Marjan Tagħha, mibni w mbierek mill-Isqof Agostijan, Mons. Ġiovanni Marija Camilleri, Isqof ta' Għawdex.

Il-qima u l-imħabba marjana li kellu mkebbsa f'qalbu xerridha u ta lill-ħaddieħor. Tista tgħid, ma għaddiex jum wieħed biss, sakemm baqa' f'saħħtu, li ma kienx jagħmel dik iż-żjara devota lill-Madonna ta' Pinu

Min jaf kemm pellegrinaġġi mexxa għas-Santwarju Marjan Tagħha? Patri Lawrenz ħabbrek u ħadem sal-aħħar nifs ta' ħajtu sabiex jara mqajma u mxerda l-qima lejn il-Madonna ta' Pinu fil-Gżira Għawdxija. (2).

Ma rridx inħalli barra d-devozzjoni li kellu lejn l-Erwieħ tal-Purgatorju. Ismu hu marbut mal-ħidma li wettaq fil-knisja ta' Santu Wistin u fil-Kappella li kien hemm fiċ-Ċimiterju ħdejn l-istess Patrijiet Agostinjani t'Għawdex, dwar id-devozzjoni lejn l-Erwieħ tal-Purgatorju u fejn il-poplu Għawdxi kien jieħu sehem sewwa għal dawk il-funzjonijiet. (3).

Ikompli f'paġna 153

"Fi Żminijietna, meta qed ngħaddu minn varjetá ta' tentazzjonijie qawwija, frott is-sekli u l-ħidma ta' nies qaddisa, ikomplu jwasslu

# GHALFEJN IS-SANTWARJI U L-PELLEGRINAGGI?

Fost ħwejjeġ oħra li gżiritna toffri lil uliedha u xejn inqas lill-barranin, insibu lis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu bl-istorja ta' meta l-Madonna tkellmet mill-kwadru tal-kappella lil Karmni Grima. Kemm dawk li jiġu jżuru s-Santwarju minn Malta kif ukoll għadd ta' turisti, li għax huma ta' l-istess twemmin tagħna, żgur li jagħmlu dan b'turija ta' qima lejn il-Madonna, u għalhekk jinqdew biżżjara tagħhom biex minnha jagħmlu pellegrinaġġ ta' talb u ta' penitenza.

Għal dan l-iskop, hemm dawk li jagħmlu ż-żjara tagħhom privatament kif ukoll dawk li jiġu fi gruppi organizzati b'xi ħadd li jkun inkarigat biex imexxi l-pellegrinaġġ. Kemm meta dawn ikunu lajċi u aktar u aktar meta jkunu saċerdoti, għandhom dejjem igħinu lill-gruppi tagħhom mill-aħjar li jistgħu biex jieħdu l-aħjar ġid possibbli waqt li japprezzaw aħjar it tifsira li hemm marbuta mal-pellegrinaġġ.

Dan kien il-messaġġ prinċipali tal-Papa Ġwanni Pawlu II meta nhar it-22 ta' Jannar, 1981, kellem lil grupp ta' Retturi ta' Santwarji minn Franza, il-Belġju u l-Portugal, wara li għal xi ġranet kienu miġbura flimkien Ruma għall-Kungress li organizzaw bejniethom. Ta' min isemmi xi ħsibijiet minn dan id-diskors, li waqt li kien indirizzat direttament lilhom, iżda xorta waħda dak li qal kien igħodd għal min ikollu x'jaqsam ma' pellegrinaġġi lejn is-Santwarji.

1. Il-pellegrinaġġi huma prattika antika u kontinwa anke fi ħdan reliġjonijiet oħra. Il-Kristjaneżmu adatta għalih din id-drawwa biex biha l-insara wkoll juru l-ħtieġa li jżuru dawk il-postijiet li fl-istorja kellhom x'jaqsmu ma' dak li hu divin. Minn ta' l-ewwel jiġu l-postijiet sagri li għandhom rabta mal-ħajja ta' Kristu fil-Palestina. Magħhom żdiedu għadd ta' bliet u ċentri oħra li magħhom hemm marbuta dehriet tal-Madonna, ħajjiet ta' qaddisin jew ġrajjiet oħra mirakulużi.

2. Is-Santwarji nsara li lejhom jiġbdu ħafna pellegrini dejjem kien skop tagħhom li juru sinjali t'Alla, li jrid ikun preżenti aktar mill-qrib fil-qalba ta' l-istorja tal-bniedem. Iżda l-ikbar ġrajja li biha Alla wera dir-rabta tiegħu mal-bniedem kienet l-Inkarnazzjoni u l-Fidwa mwettqa minn Kristu, l-Iben t'Alla

i jwasslu għas-sekularizzazzjoni huwa importanti li postijiet ta' devozzjoni essaġġ speċjali lill-qalb u l-moħħ tal-bniedem, anke ta' dawk li ma jemmnux."

**(Papa Ġovanni Pawlu II).**



magħmul bniedem. Kien b'dil-ġrajja li Alla daħal bl-aktar mod sħiħ fl-istorja u l-ħajja tal-bniedem. Għalhekk kull post qaddis għandu jgħin biex il-pellegrini jaslu għattifkira ta' dan il-Misteru. L-istorja ta' l-imħabba t'Alla lill-umanità baqgħet tirrifletti maż-żmenijiet kollha permezz ta' dawn il-postijiet qaddisa u mxerrda mad-dinja kollha. Għalkemm hemm elementi differenti bejniethom, dawn iċ-ċentri ta' devozzjoni għandhom bħala skop prinċipali li jxandru ma' kullimkien l-ikbar att ta' mħabba mwettaq fl-istorja kollha tal-miġja t'Alla fostna.

3. Jekk numru kbir ta' dawn is-Santwarji huma Marjani, dan għandu tifsira speċjali, għax il-Madonna, bħala omm Kristu, tat sehem kbir biex l-Iben t'Alla jgħix bl-umanità tiegħu fost il-bnedmin. Hija ngħażlet bħala l-kreatura privileġġjata biex taqdi lit-Trinità Mqaddsa fil-Misteru ta' l-Inkarnazzjoni u hekk Alla nnifsu jgħammar fostna. Mis-Santwarji tagħha, għadha sal-lum trid turina lill-istess Iben tagħha li wrietna meta tagħtu lid-dinja fit-twelid tiegħu. Bħal dak inhar għadha trid tkompli twassalulna llum bħala "għani fil-ħniena" minn ġenerazzjoni għal oħra.

4. "Fi żminijietna", ikompli jgħid il-Papa, "meta qed ngħaddu minn varjetà ta' tentazzjonijiet li jwasslu għas-sekularizzazzjoni, huwa mportanti li postijiet ta' devozzjoni qawwija, frott is-sekli u l-ħidma ta' nies qaddisa, ikomplu jwasslu messaġġ speċjali lill-qalb u l-moħħ tal-

bniedem, anke ta' dawk li ma jemmnux, li jħossu qed igħixu f'soċjetà magħluqa fiha nfisha u xi drabi wkoll iddisprata". Meta jżur dawn il-postijiet, il-bniedem jista' jsib mill-ġdid it-tifsira ta' l-eżistenza tiegħu, xewqa għal ħajja aħjar, wara li jkun għadda mill-esperjenza tal-preżenza u l-imħabba t'Alla lejh. Għalhekk, xejn inqas minn ċirkustanzi oħra, anke żjarat lil Santwarji nistgħu nsejħulhom okkażjoni li biha tixxandar il-Bxara t-Tajba tas-Salvazzjoni.

5. Kull wieħed mis-Santwarji, kemm jekk jikkonsisti f'bini kbir u ta' fama internazzjonali, kemm jekk ikun sempliċi kappella, għandu jservi bħala katekeżi li tifforma l-moħħ u l-qalb tal-pellegrini fil-virtujiet insara. Minn ta' quddiem għandha titħeġġeġ il-virtù tat-talb, kemm privat kif ukoll fil-komunità, kemm bħala poplu t'Alla kif ukoll fi ħdan il-familja nisranija. Dawk li jieħdu sehem f'xi pellegrinaġġ ikunu qed jitħarrġu u jagħtu xhieda ta' ħniena bejniethom u paċenzja fil-ftehim tagħhom. Iż-żelu fl-inizjattiva privata tagħhom ikompli jikber u bl-umiltà kollha jgħallmu lil ta' madwarhom li għandhom fiduċja u fidi f'dak li ma jidhirx. Mhux l-ewwel darba, għalhekk, dan kollu jwassal biex erwieħ bogħod minn Alla jiftħu qalbhom miegħu u jaslu għall-bidla radikali ta' ħajjithom, waqt li oħrajn igħaddu mill-ewwel esperjenzi tar-ritorn tagħhom lejn id-dawl u l-imħabba vera li jsibu fi Kristu.

6. Il-Papa jara fil-pellegrinaġġi okkażjoni ta' evanġelizzazzjoni. "Għinu lil dawk ta' fidi żgħira biex jerġgħu lura lejn dak li wera lilu nnifsu bħala 't-Triq, il-Verità u l-Ħajja' (Ġw. 14:6)". Dan anke biex pellegrini jerġgħu jissieħbu aħjar mat-Tradizzjoni ħajja tal-Knisja, billi jaċċettaw bil-fedeltà kollha t-tagħlim u l-veritajiet ta' fidi mwassal minn żmien il-Appostli u proklamat mill-ġdid mill-Konċilju Vatikan II. Il-Papa hawn jaċċenna għal dawk il-postijiet sagri fejn, minn żmien għall-ieħor, jorganiżżaw konferenzi spiritwali jew ta' tagħlim adattat skond il kategorija differenti ta' dawk li jżuruhom. Jekk dan mhux possibbli għal kull fejn isiru dawn il-pellegrinaġġi, iżda xorta jista' jsir mod ieħor, bħal bejgħ ta' letteratura nisranija jew servizzi oħra ta' direzzjoni jew pariri spiritwali.

7. Għal dawk li huma 'l quddiem fil-ħajja nisranija, il-pellegrinaġġi lis-Santwarji jew postijiet ta' devozzjoni għandhom messaġġ partikolari wkoll. Fost ħwejjeġ oħra, il-Papa jsemmi t-taħriġ fil-ferħ u fil-meditazzjoni, fis-smiegħ u r-riflessjoni tal-Kelma t'Alla. Sehem aħjar fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija u frekwenza tas-sagrament tal-qrar. Tkompli tissaħħaħ l-imħabba bejn l-aħwa, anke fost dawk li jiltaqgħu bejniethom għall-ewwel darba. Iktar interess biex wieħed igħin b'ġenerożita ikbar lil min hu fil-bżonn, jew lil komunitajiet ta' insara li jinsabu f' diffikultajiet anke spiritwai. Ma tonqosx ukoll il-ħeġġa għal iktar parteċipazzjoni fil-ħajja tal-parroċċa u tal-knisja lokali kollha kemm hi.

Il-Papa jispiċċa d-diskors tiegħu b'talba lill-Madonna, sabiex il-ħidma kollha pastorali mwettqa fis-Santwarji tagħha tħalli frott kotran, waqt li tgħin lill-pellegrini jaslu fuq kollox biex jissieħbu aħjar u iktar fil-volontà tal-Missier. F'dawn il-ħsibijiet il-Papa ġabar kull ħidma ġenwina marbuta mas-Santwarji u mal-pellegrinaġġi bħala **apostolat Kristoċentriku**. Jekk jonqos għal kollox dawn il-finijiet qaddisa, minflokhom jista' jieħu post is-sentimentaliżmu, jew agħar, il-kurżita umana flimkien ma' xi għamla ta' superstizzjoni.

**Dun Salv Grima**



# THEJJIJA GHAC-CENTINARJU TAD-DEHRA

## ITTRA LILL-KONFERENZA EPISKOPALI MALTIJA

Santwarju tal-Madonna ta' Pinu
Għawdex, Malta.
31 ta' Mejju 1980.

Lill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Ġużeppi Mercieca,
Arċisqof Metropolita ta' Malta,
President tal-Konferenza Episkopali Maltija,
Kurja Arċiveskovili,
Floriana.
Malta.

Eċċelenza Reverendissima,

Fis-sena 1883 l-Omm tagħna Marija, meqjuma taħt it-titlu Ta' Pinu, sejħet lit-twajba Karmela Grima, xebba mir-raħal tal-Għarb, Għawdex, biex iżżurha fil-Kappella ċkejkna Ta' Pinu.

Minn dak inhar il-quddiem l-isem ta' din il-Madonna mhux biss xtered mal-gżejjer Maltin, imma wasal ukoll f'diversi artijiet barranin. Tant u tant pellegrini jiġu jinxteħtu f'riġlejn Marija, jirringrazzjawHa tal-grazzi li jkunu rċevew minn għandHa; oħrajn jiġu jiftħu qalbhom, magħsura bid-dwejjaq, u jitolbuHa tħenn għalihom u teħlishom mill-hemm li jkun jaħkimhom. Ħafna oħrajn jiġu jammiraw is-sbuħija tas-Santwarju tagħHa u li għalkemm forsi mhux kollha jkunu tat-twemmin tagħna, huma wkoll jipparteċipaw xi ftit mill-hena li taf tħalli l-Madonna fil-qalb ta' min iżurHa.

Għal din il-grazzja kbira li tatna Sidtna Marija, li tippreferina minn qalb tant bnedmin oħra, jaqbel li f'għeluq il-mitt sena, infakkru din il-ġrajja b'mod xieraq u li jħalli frott speċjali.

Biex jintlaħaq dan il-għan, forsi ma hemmx mezz ieħor aktar qawwi u effikaċi minn dak li wieħed jorganizza laqgħat, kemm akkademiċi u kemm devozzjonali, li kull min jieħu sehem fihom, barra

li jitgħallem aktar fuq Marija jsir aktar iħobbHa u jirrikorri lejHa fil-bżonnijiet tiegħu. Ikkunsidrat il-pajjiż tagħna, waħidna forsi ma naslux biex niżvolġu sewwa din l-attivita b'mod li tista' tħalli l-frott mixtieq. Imma, providenzjalment, anke din id-diffikulta tista' tiġi superata.

Kull erba snin, il-"Pontificia Accademia Mariana Internationalis", li għandha s Sede tagħha f'Ruma, iżżomm Kungress Internazzjonali Marioloġiku-Marjan f'xi parti tad-Dinja, fejn jiġu svolti b'mod l-aktar effiċjenti l-attivitajiet li semmejna. L-għażla tal-pajjiż għal dan il-Kungress hija bażata fuq it-tifkira ta' xi avveniment speċjali Marjan li jaħbat fl-istess sena tal-Kungress u li dak il-pajjiż ikun qiegħed jiċċelebra.

Sewwa sew fis-sena 1983, is-sena taċ-ċentinarju, hija wkoll is-sena li fiha għandu jinżamm il-Kungress li ġej. Tkun ħaġa l-aktar floka għalhekk, jekk il-gżejjer tagħna jkollhom ix-xorti u l-unur li jilqgħu dan il-Kungress, għaliex bil-għajnuna tiegħu, barra li nkunu nonoraw b'mod xieraq lil Ommna Marija, inkunu qegħdin noffru wkoll okkażjoni speċjali ta' qawmien spiritwali lill-poplu tajjeb tagħna.

Għaldaqstant nitlob lill-Konferenza Episkopali Maltija li tikkunsidra x-xewqa tiegħi, kif ukoll il-ġid kulturali u spiritwali li l-Maltin u l-Għawdxin jistgħu jiksbu minn dan l-avveniment, u tistiednu lill-Akkademja Pontificja Marjana Internazzjonali biex tgħażel lill-pajjiżna bħala Sedi għall-Kungress Marjan Internazzjonali li għandu jinżamm fis-sena 1983.

Filwaqt li nirringrazzjak nitlob il-Barka Pastorali tiegħek.

Mons. Beneditt Camilleri
Rettur.

---

jaqbad min paġna 141

## FESTI MARJANI FIL-KALENDARJU LITURĠIKU MATUL IŻ-ŻMINIJIET (4)

Ġlormu jqis il-Qalb ta' Marija bħala leħen tal-Missier Etern. Il-Verġni Marija tista' tgħid bħalu: Qalbi tnissel kliem sabiħ. (Salm 44, 2). S. Wistin jgħid li ftit kien ikun jiswa lil Marija li tkun Omm tal-Feddej jekk qabel ma nisslitux bħala Omm f'qalbha. San Ġwann Grisostmu jgħid li l-Qalb ta' Marija hi ġabra ta' misterji. San Pietru Damjani jsejħilha: It-teżor qaddis tal-milja kollha ta' Alla. Sant' Epifanju jgħid: Hija teżor tal-Knisja. San Ġwann Damaxxenu jgħid lill-Madonna: "Qalbek hija kollha ndafa bla ebda tebgħa; hija tgħix biss bil-kontemplazzjoni u bl-imħabba t'Alla." San Bernardinu minn Siena jgħid li Hija forn tal-imħabba t'Alla. San Lawrenz Ġustinjani u Santa Briġida kienu xandara ħabrieka tad-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Marija.

# "SACERDOTI HBIEB TAS-SANTWARJU"

Jekk wieħed iqalleb il-kronoka tas-Santwarju Ta' Pinu jintebaħ li fost dawk li wrew sinjali ta' devozzjoni lejn il-Madonna kienu minn ta' quddiem is-Saċerdoti. Għadhom jidhru sallum l ismijiet ta' dawk li żaru s-Santwarju, iċċelebraw fih il-quddiesa jew mexxew pellegrinaġġi. Iżda huma ferm aktar dawk li isimhom ma jidhirx u xorta waħda kellhom devozzjoni qawwija lejn il-Madonna Ta' Pinu, li privatament kienu jżuru s-Santwarju u jitolbu bl-interċessjoni tagħHa l-grazzi li kienu jeħtieġu.

Għal grazzja t'Alla din id-devozzjoni tal-Kleru lejn il-Madonna Ta' Pinu għadha ħajja anke fil-preżent. Is-Saċerdoti kollha tad-Djoċesi ta' Għawdex u għadd minn dik ta' Malta ftit jew wisq għandhom ġibda lejn is-Santwarju tagħHa, u ħafna minnhom speċjalment dawk Għawdxin ta' spiss jieħdu sehem fil-funzjonijiet u fl-attivitajiet li jsiru fis-Santwarju.

Bil-għan li din il-qima lejn il-Madonna Ta' Pinu tkompli tissaħħaħ speċjalment fil-Kleru żgħażugħ u sabiex is-servizz li jgħatu jkun organizzat aħjar ħsibna li nwaqqfu għaqda bl-isem "SAĊERDOTI ĦBIEB TAS-SANTWARJU".

Biex Saċerdot isir membru ta' din l-Għaqda mhux neċessarjament li jkollu xi kwalitajiet eċċezzjonali jew li jintrabat b'xi xogħlijiet speċjali. L-Għaqda hija miftuħa għas-saċerdoti kollha djoċesani u regolari, anke dawk li huma morda, kif ukoll għall-aspiranti għas-Saċerdozju.

Min jinkiteb fl-Għaqda jista' jgħin:

- bit-talb
- billi jżur is-Santwarju
- Imexxi pellegrinaġġi għas-Santwarju anke żgħar
- jieħu sehem f'xi konċelebrazzjoni li ssir fis-Santwarju
- F'xi okkazjonijiet jaċċetta li jisma' l-Qrar
- Jikkontribwixxi xi artiklu għar-revista "Madonna Ta' Pinu"
- ixerred l-istess revista' eċċ.

Sabiex tinżamm l-għaqda bejn dawn il-membri, tlitt darbiet jew erba' fis-sena, issir laqgħa għalihom fis-Santwarju fejn jitolbu flimkien u jagħmlu l-proposti tagħhom.

Għaldaqstant, aktar il-quddiem jintbgħat appell apposta lis-Saċerdoti kollha biex inkunu nistgħu ngħatu bidu għall-għaqda "SAĊERDOTI ĦBIEB TAS-SANTWARJU".

# KRONAKA TAS-SANTWARJU



**DIĊEMBRU:**

**(ikompli mill-ħarġa ta' qabel)**

**14.** Fl-okkażjoni tad-49 anniversarju mill-konsagrazzjoni tal-knisja, sar Għasar u wara quddiesa mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata tal-Għarb.

**21.** Sar pellegrinaġġ mill-patrijiet Franġiskani tar-Rabat. Wara saret Konċelebrazzjoni li tmexxiet minn P. Bonaventura Camilleri.

**JANNAR:**

**3.** Peress li kien l-ewwel Sibt tax-xahar, il-Fergħa Ewkaristika organizzat bħas-soltu siegħa adorazzjoni u quddiesa. Attendew numru sabih ta' nies min diversi parroċċi.

**7.** Sar pellegrinaġġ mix-Xewkija għas-Santwarju ta' Pinu fejn imbagħad saret siegħa adorazzjoni li tmexxiet minn Dun Gwann Mizzi.

**11.** Fl-okkazjoni tat-tqegħid ta' l-ewwel ġebla taċ-Ċentru tal Moviment ta' Kana f' Għawdex, l-Eminenza tiegħu il-Kardinal Thomas O'Fiach mexxa Konċelebrazzjoni flimkien mas-saċerdoti membri tal-Moviment ġewwa Għawdex. Għal din il-Konċelebrazzjoni li saret fis-Santwarju ta' Pinu attendew numru sabih ta' familji Għawdxin.

**FRAR:**

2. Sar pellegrinaġġ mir-Rabat għas-Santwarju ta' Pinu, fejn saret quddiesa għal dawk li ħadu sehem fil-pellegrinaġġ minn Dun Mikiel Attard.

7. Bħalma soltu jsir fl-ewwel Sibt tax xahar il-Fergħa Ewkaristika għamlet siegħa adorazzjoni u quddiesa li għalihom attendew numru sabiħ ta' nies.

**8.** Bħala ringrazzjament lil Alla għall-ħelsien tal-ostaġġi Amerikani minn ġewwa l-Iran, l-E.T. Mons. Isqof Nikol G. Cauchi qaddes quddiesa ta' radd il-ħajr fis-Santwarju ta' Pinu li fiha ħadu sehem ħafna nies minn diversi parroċċi ta' Għawdex.

**13.** Fl-okkażżjoni tal-Ġimgħa tal-Azzjoni Kattolika saret Via Sagra mis-Santwarju ta' Pinu għal mal-Għolja Ta' Għammar. Din il-Via Sagra tmexxiet mill-Assistent tal-Azzjoni Kattolika Dun Ġorġ Vella. Numru sabih ta' membri tal-Azzjoni Kattolika ħadu sehem f'dan l-eżerċizzju ta' pjetà.

15. Fl-okkażjoni ta' għeluq il-Ġimgħa tal-Azzjoni Kattolika saret nofs siegħa adorazzjoni u quddiesa bl-omelija mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol G. Cauchi. Fl-omelija tiegħu Mons. Isqof tkellem dwar il-kontribut siewi li l-Azzjoni Kattolika tista' tagħti lill-Familji.

Huwa semma wkoll l-għajnuna li l-Azzjoni Kattolika tista' tagħti lill-Knisja fil-qasem tal-Liturġija; u l-aħħar punt li dwaru tkellem Mons. Isqof kien dwar l-importanza taċ-Ċentri Parrokkjali fil-ħajja tal-parroċċa. Huwa qal li ċ-Ċentru Parrokkjali mgħandux iservi biss għall-laqgħat tal-għaqdiet u għat-tagħlim tad-duttrina imma wkoll bħala post fejn il-parruċċani kollha kbar u żgħar u anke xjuħ jiltaqgħu biex jirrekreaw ruħhom u jsibu l-mistrieħ tagħhom.

26. Bħala konklużjoni tal-irtir tagħhom, grupp ta' patrijiet kapuċċini kkonċelebraw flimkien mal-predikatur, Patri Ferdinandu Mercieca Provinċjal tal-Franġiskani Conv. fil-kappella tal-Madonna ta' Pinu.

**MARZU:**

1. L-Azzjoni Kattolika organizzat funzjoni għax-xjuħ u r-romol fis-Santwarju ta' Pinu. Qaddes u għamel l-omelija l-E.T.; Mons. Isqof Nikol G. Cauchi.

8. Sar pellegrinaġġ mill-parroċċa taż-Żebbuġ. Il-pellegrinaġġ tmexxa mill-W.R. Arċipriet Dun Alwiġ Vella li wara mexxa wkoll Konċelebrazzjoni ma' xi saċerdoti tal-parroċċa.

15. Sar pellegrinaġġ mit-Terzjarji Agostinjani. Il-pellegrinaġġ intemm b'quddiesa fis-Santwarju minn Patri Martinjan Cutajar O.S.A.

Fl-4.00 p.m. l-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol G. Cauchi mexxa Via Sagra mis-Santwarju ta' Pinu għal fuq l-Għolja ta' Għammar. Mijiet ta' nies minn Għawdex kollu ħadu sehem f'din il-Via Sagra.

Fl-istess jum sar ukoll pellegrinaġġ mill-parroċċa tan-Nadur. Qaddes għal dawk li ħadu sehem f'dan il-pellegrinaġġ il-Kan. Dun Ġużepp Said.

# GRAZZI MADONNA .... GHAX SMAJTNI!!!

**GĦAWDEX:**

Carmela Sultana; Carmela Refalo; Karmnu Buttigieg; Karmena Muscat; Mr. G. Galea; Maria Axiaq; Carmelo Muscat; M'Assunta Vella; Mrs. Sultana; Michael Attard; Victor Attard; Mary Azzopardi; Guzepp Azzopardi; Tonina Gatt; Mary Buttiegieg; Sunta Grech; Guzepp Sultana; Rita Formosa; Gorga Attard; S. Buttigieg; Maria Abela; N. Vella; Doris Mercieca; Maria Mercieca; Mikiel Camilleri; Carmelo Mintoff; Gregory Grech; Carmela Mintoff: Victor Sultana; Maria Attard; Katerina Azzopardi; Mikiel Galea; Joseph Frendo; Guza Portelli; Anthony Sultana; Theresa Vella; John Grima; Madelena Cini; Tarcisja Grima; Liza Attard; Bice Vella: John Farrugia; F. Buttigieg; Anne Spiteri: Maria Spiteri; Eugenju Zerafa; Carmel Buttigieg; Guza Bartolo; Maria Micallef· Giovanna Bezzina; Helen Hili; Antonia Azzopardi; Guza Buttigieg; Lonza Portelli; Anthony Portelli; Pauline Grima; Lina Buttigieg; V. Rapa; Rosanna Refalo; Guza Buttigieg; Philip Muscat; Gorga Vella; Cettina Caruana; Pawlu Mifsud; Antonia Portelli; Carmela Zammit; Clara Grima; Pia Ellul; Carmena Xerri; Carmelo Said; George Grech; Karmnu Camilleri; Maria Grech; Catherine Cortis; Peter Paul Camilleri; John Cini; Saveria Vella; Doris Sultana, Maria Sacco, M'Jane Vella, Toni Pace; John Schembri; Rita Sacco; Carmena Camilleri; Maria Buttigieg; Ursula Cuschieri; Gusepp Cordina; Salvu Azzopardi; Rita Pisani; Roger Grech; Joe Xuereb; Anglu Pace; Bernardette Grima; Joan Said; Maria Said; Karistu Sultana; M. Habour; Francesco Sultana; Joseph Bartolo; Francesca Debono; Peter Camilleri; Salvina Debono; Toni Vella; David Muscat; Antida Galea; T. Vella; Esther Borg; Doris Schembri; Carmelo Aquilina;

Rosali Cassar; J. Bajjada; Toni Attard: Susan Mizzi; Tony Axiak; Joseph Vella: Mary Buttigieg; Michael Grima; Carmelo Falzon; Doris Portelli; M. Xuereb; J. Xuereb; Guzepp Sultana; Teddy Azzopardi: Susanna Vella; Leli Galea; Rosa Portelli: Charlie Portelli; Mary Mizzi; Joe Mercieca; Rosa Said; Antoinette Vella; Pawla Bajada; Lucija Buttigieg; Guzeppa Cassar; Salvina Cefai; Concetta Xerri; P. Grima: Paul Sultana; Anthony Curmi; Toni Muscat; Helen Farrugia; Frenc Grech; Gina Sacco; Guzeppa Gauci; Ganni Buttigieg: Guzeppa Tabone; Carmela Buttigieg; Karmnu Camilleri; Michael Cremona; John Muscat; Joseph Bajada; Tessie Said; M'Rose Mintoff; Margaret Muscat; Angela Axiak; Michael Axiaq; John Spiteri; Salvina Bajada; Marlene Debono; Lela Grima; Paul Zammit; Marinton Farrugia; Gina Sultana; Raymond Aguis; Teddy Mercieca; Doris Mercieca; Carmel Tabone; Frenc Saliba; M'Gwann Galea; John Portelli: Teresa Portelli; Joe Curmi; Guza Formosa; Georgge Pisani; Angla Bartolo; Angglu u Rozaria Calleja; Lucy Theuma; Toni Grech; Maria Caruana; Karmela Spiteri; Maria Vella; Olimpia Vella; M'Anne Farrugia; Margaret Muscat; Frenc Mercieca; Marija Cauchi; Vitorja Grech; Guza Haber; Rose Farrugia; Grezzju Dimech; Josette Fenech; Tessie Spiteri; Mary Mercieca; Carmelo Sultana; Indri Theuma; Loreta Theuma; Cettina Grech: Salvu Sultana: Rozina Borg; Jane Buttigieg; Guzeppi Farrugia; Mikiel Zammit; M'Assunta Farrugia; Pawla Formosa; Salvina Farruga; Grace Muscat; Joe Cauchi; Assunta Apap.

**MALTA:**

Emma Frendo; Lino Micallef; Guzeppi Vassallo; Alfred Mallia; Giga Saliba, Maria Grech; Lina Galea; Carmen Azzopardi. G. C. Gatt; Bridgeth Saliba; Jane Pace; Toni Bajada; Paul Gauci; Mrs. Cassar; Geltrude Zammit; Frances Xuereb; Rose Xuereb; Joseph Cutajar; Walter Cini: Alfonse Grech; Gorg Formosa; Mr. Schembri; Cetta Vella; Joe Xuereb; Emanuel Grima; S. Falzon Vella; Vivie Muscat; John Brincat; Col. G.C. Gatt; Carmela Gibbins; Ant. Grima; Ludgarda Grima, Sam Camilleri; Anglu Mifsud; Raymond Baldacchino.

**AWSTRALJA:**

Rita Deguara; J. Xiberras; Tessie Cuschieri; Tony Sultana; Nancy Spiteri; M'Lourdes Magro; Vincenza Galea; Mary Rapa;

**U.S.A.:**

Grace Abela; Rosaria Tabone; Angelo Cassar; Lina Portelli; Mr. Farrugia.

**CANADA:**

Mr. & Mrs. Portelli; Mr. & Mrs. Alfred Cauchi;

## PREŻENTAZZJONIJIET TA' TRABI LILL-MADONNA TA' PINU

Joseph Axiak — Fontana; Jos-Mar — Cauchi — Xewkija; Janette Attard — Xewkija; Joanne Vella — Xewkija; Maria Grech — Victoria; Mario-George Cassar — Victoria; John Said — Sannat; Frances Aguis — Xagħra; Sarah Muscat — Xagħra; James Saliba — Ħal-Lija; Rita-Anne Pace — Kercem; Tania Buttigieg — Nadur; Noel Vassallo — Għ'Sielem; Susanne Azzopardi — Kercem; Silvanu Saliba — M'Forn; Antonella Sammut Tarxien.

## QASSISIN LI QADDSU FIS-SANTWARJU

Fr. Ġiov. Marcieca; Fr. Elia Vella M.S.S.P. Fr. Joe Callejja M.S.S.P.; Dun Karm Hili; Fr. Peter Paul Cachia O.S.A.; Fr. Bonv. Camilleri ofm. conv; Fr.Berardo Debrincat ofm. Conv; Fr. Joseph Bajada; Fr. Joseph Farrugia; Dun Mikiel Mintoff; Fr. Anthony Saliba; Dun Guzepp Mintoff; Fr. Anthony Caruana SDB; Dun Salv Borg; Sac. Guiseppe Sultana; Fr. Salvatore Vella: Dun Salv Grima; P. Gabriele S.Micallef O.F.M.; Fr. Mario Cassar; Mons. Giovanni Frendo; Mons. Carmelo Sacco; Mons. Fran-

cesco Borg; Mons. Anton Gauci; Fr. Joe Mejlaq; Dun Charles Vella; Fr. George Borg; Fr. James Clyne; Mgr. Joseph Buttigieg; Ecc. Tiegħu Isqof Casey; Fr. Adrian Joseph Cachia ofm; Can. Nikol Vella Apap; Fr. Coronato Grima; Fr. Stephen Scicluna OSA; Fr. Fortunato Cini; Dun Mikiel Attard; Fr. Joseph Grech; Can. Francesco Camilleri; Can. Ant. Buttiegieg; Can. Michael Camilleri; Dun Anton Borg; Rev. Joseph M. Galdes; Dun Mikiel Borg; Dun Gorg Vella; Fr. Francis Micallef S.J.; Fr. G. Piscopo; Dun Gwann Mizzi; Dun Manwel Cutajar; Fr. Mario Azzopardi; Fr. Victor Buhagiar ofm. Cap; Fr. Alfred Scerri ofm. Cap; Fr. Luigi Saliba ofm. Cap; Fr. Philip Attard ofm. Cap; Fr. Diego Theuma ofm. Cap; Fr. Gaetano M. Galea ofm. Cap; Fr. N. Bonavia M.S.S.P.; Fr. Carmelo Polidano; Fr. Ferdinando Mercieca Prov. ofm Cap; Can. Joseph Said; Can Salv Camilleri; Fr. Saviour Tabone; Fr. G. Vella; Fr. Angelo Gatt ofm. Cap; Fr. Giocchino Mercieca ofm. Cap; Fr. Michael Aguis; Sac. Guzeppi Cauchi; Can. Gregorio Vella;

## ŻWIĠIJIET LI SARU FIS-SANTWARJU

Godwin Cachia u Marija Farrugia minn Victoria; Guzeppi Xerri mix-Xewkija u Pawla Sultana mix-Xagħra; Toni Portelli min-Nadur u Marija Cassar minn Sannat; Anton Bonnici mir-Rabat u Annunzjata Saliba mill-Għasri; Baskal Camilleri miż-Żebbuġ u Agnes Xuereb minn Għajnsielem; Vicky Sultana mix-Xagħra u Michael Debrincat mill-Għarb; Frank Cassar mill-Għarb u Terry Vella minn Fontana; Micheal Buttigieg mill-Qala u Marija Gauci mix-Xagħra; Anton Said u Rose Mizzi minn Victoria; Guzepp Attard u Rita Borg min Nadur; Mario Said min Nadur u Antoinette Buttigieg minn Għajnsielem; Carmel Apap mix-Xewkija u Mikelina Rapa minn Għajnsielem; Raymond Cassar minn Victoria u Maria Grima minn San Lawrenz; Joe Vella minn Victoria u Guza Pisani minn Sannat; Joe Bajada u Francis Bugeja mill-Munxar;

---

Jaqbad minn paġna 143

## RELIĠJUŻI AGOSTINJANI DEVOTI TAL-MADONNA TA' PINU — (1)

Patri Lawrenz Cauchi miet fis-17 ta' Jannar, 1901, fil-għomor ta' 68 sena, fil-kunvent ta' Santu Wistin, ir-Rabat, Għawdex. (4).

Perjodiku reliġjuż ta' dak iż-żmien, kiteb fuq P. Cauchi, hekk: "Fis-17 ta' dan ix-xahar ħalla dan il-wied tad-dmugħ P. Wenz Cauchi, Agostinjan. Kien reliġjuż dħuli u magħruf minn kulħadd, qalbu tajba u fuq kollox devot kbir tal-Madonna ta' Pinu u tal-Erwieħ tal-Purgatorju.Sofra marda qalila tal-qalb li kienet ilha tittormentah bosta snin. (5)

L-għan ewlieni tiegħi li ktibt fuq dan l-Appostlu qalbieni tal-Madonna ta' Pinu, fil-Gżira Għawdxija, sabiex l-isem ta' dan l-iben twajjeb u ħabrieki ma jiġix minsi jew imwarrab f'opra qaddisa, li kienet, li għadha u li tibqa' ħajja u miżmuma b'għożża fil-Gżejjer tagħna.

**REFERENZI:**


(1). Cfr. Ark. tal-Bażilika u Kolleġġjata ta' S Ġorġ, ir-Rabat, Għawdex. Lib. Bapt., N.9. 1833-46. f. 17.

(2). Cfr. Ark. Konvent S. Wistin, il-Belt, Malta. L'Ordine Agostiniano nelle Isole di Malta Gozo. Mss. ta' P. Letard, o.s.a., (Vol X 1901-2), f.II.

(3). idem.

(4). Cfr. Ark. Kunvent S. Wistin, Rabat, Għawdex. Lib. Prop. 1901-25. f.3.

(5). Cr. Id-Devot ta' Marija. -Għawdex- Jannar 1901, p. 32.

# LOURDES AND THE EUCHARIST

**Lourdes offers striking proof that our Lady leads her clients to Jesus in the Blessed Sacrament.**



**In 1911. St. Pius X wrote; "The unique glory of the Sanctuary of Lourdes resides in this fact, that people are attracted there from everywhere by Mary for the adoration of Jesus Christ in the Blessed Sacrament, so that this sanctuary - at once the centre of Marian devotion and the throne of the Eucharistic Mystery - surpasses in glory, it seems, all others in the Catholic world."**

At Lourdes every single day durning the pilgrimage season at least three thousand people receive Holy Communion at the grotto. And each afternoon, in the procession of the Blessed Sacrament, the bishop or priest carrying the monstrance, walks among the sick, blessing them. It is then that the cures and the miracles of grace usually take place. Mary brings her children to her divine Son, and it is he who works the miracles, just as he did in Cana.

The little girl Bernardette uttered some prophetic words about Lourdes, without realizing what she was doing. On June 3, 1858, the day of her First Communion, less than four months after our Lady had appeared to her for the first time, a friend of Benardette said to her: "Tell me, which of the two things was the greatest joy to you, the receiving of your God in Holy Communion, or conversing with the Blessed Virgin at the grotto?" Bernardette hesitated mo-

mentarily, and then replied, "I do not know; the two things go together and cannot be compared. All I know is that I was itensely happy in them both".

In the Book of Proverbs, in the description of the valiant woman, there are some words that find their fullest verification in Mary: "She is like the merchant's ship: she brings her bread from afar" (31, 15). From the far off "light inaccessible" (1 Tim. 6. 16) of divinity, Mary has brought to mankind Jesus the Bread of Life. Mary, the maiden, of Nazareth, reached into heaven by her faith, and like the merchant's ship, brought us the Bread of Life from afar She carried him in her womb and brought him forth in Bethlehem, the town whose name means 'House of Bread'.

Listen to what her Son says: "I am the bread of life. He who comes to me shall not hunger, and he who believes in me shall never thirst... I am the living bread that has come down from heaven. If anyone eat of this bread he shall live forever: and the bread that I will give is my flesh for the life of the world" (Jn. 6. 35 and 51-52). But Jesus could not give us his body to eat in the Eucharist till Mary had first given him that body. In that way, we owe even the Eucharist to Mary.

Mary is so inseparably connected with Jesus in the Holy Eucharist that we are not surprised to learn that the very first heresy against the Holy Eucharist was an attack on Mary. When Berengarius renounced this, his heresy, the Holy Father required him to pronounce the words: "I, Berengarius, believe with my heart and confess with my mouth...... that the Holy Eucharist is the true Body of Christ, which was born of the Virgin" (355D).

No one has more eloquently testified to the inseparability of Mary and the Eucharist than has St. Thomas in the 'Pange Lingua', a hymn to Mary as well as to the blessed Sacrament: "Sing, O tongue, the mystery of the glorious body and the precious blood, which the King of Nations, the fruit of a generous womb, poured forth for the ransom of the world".

"Fructus ventris generosi" in the poetic mind of St. Thomas, the word "generosi" was full af rich connotation: it meant not only "of noble birth" but also suggested magnanimity, generositly. Mary's womb is a noble, a magnanimous womb. It is noble, first, because of her royal blood: the noble womb of Mary gave that royal blood to Jesus, so that he could sit on "the throne of David his father..." (Lk.1, 32).

But the womb of Mary is noble for a far more marvelous reason that her royal lineage: for in her birth and in her conception she was spotless, free of all sin. Mary's spotless womb alone is worthy of the King of Kings. Hers is moreover a noble womb because it is forever virginal, consecrated to God by vow, accepted by him and made the sanctuary of the Holy Spirit - noble because the Holy Spirit alone made it fruitful.

'Mary's womb is noble, generous, maginimous, in action also, for voluntarily, wholehearteoly, it was surrendered to God for his exclusive use. When St. Thomas sings, 'Fructus Ventris generosi' at once there echo in our ears the generous words at Nazareth: "Behold the handmaid of the Lord: be it done to me according to your word" (Lk. 1. 38). And Mary is noble and magnanimous in the way she presents the fruit of her womb to the world: at the Visitation, she brings him to Elizabeth, Zachary and John: at the Presentation, she gives him into the arms of Simeon and Anna.

But St. Thomas would not have our thoughts stop there. The generosity which began in Nazareth reaches full perfection on Calvary, where Jesus pours forth the Blood his mother gave him for the salvation of the nations, and Mary stands at his Cross nobly joining him in this offering, generously presenting Jesus, the fruit of her womb, her own flesh and blood, as Victim for the Redemption of mankind.

These are the thoughts which St. Thomas packs so artistically into that one verse of the "Pange Lingua". Since, in the mind of Thomas, Mary is just as inseparable from Jesus on Calvary and in the Mass as she is at Bethelem and at Nazareth, in the very same breath in which he speaks of Calvary and the Mass, he praises Mary and her magnanimous womb.

In the next stanza of the hymn, the thoughts of St. Thomas go back to the ancestral prophets, and there again, in their writings, he finds Mary with Jesus. The two are inseparable in the mind of Isais the Prophet whose words Thomas echoes in this second verse: "Nobis datus, nobis natus ex intacta virgine" - "Given to us and born for us of a stainless Virgin". Thomas thus combines two great prophecies of Isais (cf. Is. 9, 6; 7, 14). Mary's is a voluntary, meritorious verginity; it is a chastity of mind and will and soul as well as of the body; and this interior purity of heart conceives God by faith and love.

Mary is inseparably connection with Jesus in the Eucharist, finally, because she is our Mother, a Mother whose duty it is to nourish her children. The only food which can satisfy the hunger and the needs of her family is Jesus in the Holy Eucharist: "Amen, amen, I say to you, unless you eat the flesh of the Son of Man, and drink his blood, you shall not have life in you He who eats my flesh and drinks my blood has life everlasting and I will raise him up on the last day" (Jn. 6, 54-55).

That is why Mary, whether at Lourdes or anywhere else, always brings her children to the Sacred Banquet.

**PAUL HINNEBUSCH O.P.**

# MARIJA L-ARKA TAL-LIGI L-GDIDA

minn

**Dun LAWRENZ SCIBERRAS**

Il-Knisja Mqaddsa għallmet li Marija Santissma hija Immakulata; għallmet ukoll li Marija hija Omm Alla; kif ukoll li wara li għalqilha ż-żmien hawn fuq l-art, Marija ġiet meħuda s-sema bir-ruħ u l-ġisem. Dawn huma tliet doni u privileġġi, li Alla l-Imbierek fl-Omnipotenza nfinita tiegħu mar jagħti u jżejjen lil ommu Marija.

Imnebbħin u mqanqlin minn dawn il-privileġġi singolari ta' Marija, kemm is-"Santi Padri" kif ukoll il-qaddisin l-oħra devoti, tagħha, donnhom daħlu f'impika flimkien biex jagħtu, japplikaw u jfissru f' Marija s-simboli, l-figuri u l-personaġġi tal-Antik Testment. Dak li fir-Rabta l-Qadima kien tip, sab il-milja u l-ispjegazzjoni tiegħu fl-antitip, li f'dan i-każ tagħna hija Marija Santissma.

F'din il-kitba tiegħi ser nuri kemm verament lil Marija jixirqula l-kelmiet ta' **Arka tal-Liġi l-Ġdida**. Il-ħlejjaq kollha kienu jistennew għalenija lil Marija, għaliex din kienet is-sinjal ċar u tanġibli li waslet il-milja taż-żmien, biex Alla jibgħat lil Ibnu minn din il-mara singulari u kbira. (1)

Il-Knisja ssejjaħ lil Marija "arka tal-liġi l-ġdida". X'marret qatt tifhem il-knisja meta lil Marija isselmilha b'dan it-titlu? U sabiex infisser dak kollu li hemm marbut ma' dan l-imsemmi titlu hemm bżonn li nfisser u ngħid x'kienet u liema kien il-għan tal-arka għal poplu Lhudi li tant kien jistma u jħobb.

**Deskrizzjoni ta' l-Arka**

L-arka ta' l-Antik Testment kienet kaxxa ta' injam l-aktar iebes, jiġifieri dak tal-gażżi, u li jiswa ħafna flus: Kienet *twila tliet* piedi u *żewġt piedi wiesa u għolja*. Issa, l-injam tal-arka kemm minn barra kif ukoll min ġewwa kien miksi bid-deheb l-aktar fin. (2).

Hekk kif dak l-injam ta' l-arka ma kienx jispiċċa malajr, u dan għaliex kien iebes ħafna, hekk ukoll il-ġisem safi ta' Marija ma kellu qatt jara t-taħsir fil-qabar. U proprju għalhekk Marija ġiet meħuda s-sema bir-ruħ u l-ġisem. (3).

**Il-Festa ta' l-Espjazzjoni**

Fuq l-arka, u li kien iservi ta' għatu għall-istess arka, kien hemm qisa ċangatura, għatu ta' deheb mastizz u li kienet ta' l-istess tul u wisa tal-arka. (4) Dan il-għatu jissejjaħ *propizjatorju* (5) jew *il-mqgħaqad tal-ħniena*. Fit-truf ta' dan il-propizjatorju kien hemm imnaqxin żewġ kerubini bi ġwenħajhom merfugħin il-fuq.

Nhar il-festa tal-Yom Kpppur, dik l-aktar għażiża u qaddisa għal Lhud, kien jidħol il-Qassis il-Kbir imlibbes ħwejjeġ li d-drapp tagħhom kien jiġi sa mill-Indja (6) u jroxx fuq dan l-għatu tad-deheb id-demm ta-bhejjem. (7) U wara li l-qassis iroxx bl-istess demm fuq il-poplu li kien ikun sajjem, kienu jinħafrulu dnubietu. Kien proprju f'din l-okkażjoni unika ta' darba f'sena, li l-Qassis il-Kbir kien isemmi l-isem adorabbli t'Alla.

Din l-funzjoni tal-espjazzjoni jew aħjar tal-maħfra tad-dnubiet tfakkarni f'dak il-privileġġ singolari ta' l-Immakulat Konċepiment ta' Marija. Il-Fidwa ma' Marija ħadmet fl-għola grad, b'mod eminenti, jew aħjar kif mar isejħilha Dun Scotus "Redemptio Praeservativa". Aħna l-bnedmin ġejna mifdijin wara li waqajna fid-dnub, iżda Marija, bi privileġġ kbir, ġiet mifdija qabel ma waqgħet. Hekku t-tieni xebħ kbir bejn l-arka u Marija.

**L-oġġetti ta' ġo l-Arka**

Ħalli nħarsu issa, u naraw x'kien hemm ġo din l arka. Fil ktieb tan-Numri hemm deskrizzjoni ċara ta' dawk l-oġġetti li kien hemm ġol-arka; jiġifieri, "bieqja tad-deheb bil-manna, il-virga ta' Aron li minnha kien ħareġ il-ward, u t-twavel tal-Patt" (8). Issa ħalli niflu dawn il-ħwejjeġ u naraw x'relazzjoni l-aktar mill-qrib għandhom ma' Marija.

**Il-bieqja tad-deheb bil-manna.** Naturalment dawn l-oġġett ifakkarna meta l-Lhud kienu fil-mixja iebsa tagħhom fid-desert kbir ta' Sinaj neqsin minn kollox u Alla kollu providenza kien jibgħatilhom il-manna mis-sema. (9) Dan il-għaġeb, Alla dam iwettqu sakemm il-Lhud waslu f'arthom.

Marija wkoll tixbaħ lil dik il-bieqja tad-deheb, li għal disgħa xhur sħaħ garret fi ħdana mhux il-manna li tgħajjex il-ġisem, iżda l-ħobż ħaj li jgħajjex u jwassal għall-ħajja ta' dejjem. "Jien hu l-ħobż tal-ħajja. Missierijietkom kielu l-manna fid-desert u mietu; dan hu l-ħobż nieżel mis-sema, biex min jiekol minnu ma jmutx. (10)

**Il-virga ta' Aron.** Naqraw fil-ktieb tan-Numri li jum wieħed Mosè dejjem fuq l-għamar ta' Yahweh ġabar tnax il-virga u kiteb fuqhom l-ismijiet tat-tribu ta' Israel. Fuq dak ta' Levi kiteb u qiegħdhom quddiem it-tinda tal-Laqgħa. Il-għada l-bastun ta' Aron kien mimli bil-ward u lewż diġa misjur. (11) Dan il-għaġeb tal-A.T. kien biss dell quddiem il-misteru kbir u għoli tal-Inkarnazzjoni, "misteru li kien moħbi sa miż-żminijiet kollha".(12) Dan il-misteru għoli beda f'Marija Santissima li saret Omm il-Feddej.

**It-Twavel tal-Patt.** Dawn iż-żewġt twavel jfakkruna f'dak il-miraklu li jum wieħed ġara fuq il-ġebel Sinaj, meta Alla tahom dawn l-imsemmija żewġ twavel. Fuq dak li kien hemm miktub bis-sebgħa t'Alla, (12) il-Lhud kellhom ifasslu ħajjithom.

Meta ġie Ġesù huwa qal ċar u tond li ma kienx ser ineħħi l-liġi iżda jagħmilha aħjar. U meta fuq it-Tabor, imdawwal kif kien b'Mosè jippreżenta l-liġi u Elija l-profeti, instema leħen li jgħid, "Isimgħu lilu". (13) Marija hija l omm ta' dan il-leġiżlatur tal Ġdid Testment. Hekk allura kemm bir-raġun kollu Marija hija l-Arka tal-liġi l-ġdida.

**Saħtiet u Barkiet**

Niġu issa biex naraw kemm saħtiet ġabet l-Arka tal-Mulej lil dawk li maqdruha, u fl-istess ħin kemm barkiet u għajnuniet tas-sema wasslet fuq dawk li tawha qimithom.

Fl-ewwel ktieb ta' Samwel kapitlu ħamsa naqraw b'mod l-aktar dettaljat dwar in-niket u l-hemm kif ukoll il-marda kiefra li ġiet fuq il-Filistin talli dawn serqu l Arka mingħand il-Lhud. Din il-marda kienet li ġisimhom intela kollu tumuri. Mhux biss, l-istess xbiha ta' Dagon (alla tal-Filistini), dawn in-nies sabuħ wiċċu ma l-art u b'dirgħajh miksurin. Dan ġara għaliex l-Arka

ġiet imqiegħda fl-istess maqdes ta' Dagon.

Hekk ukoll jiġrilu n-nisrani, jimrad f'ruħu jekk bin-negliġenza tiegħu jkasbar lil Marija Santissma. Għaliex min ma jogħbodx id-dnub ma jistax jissejjaħ devot ta' Marija, għaliex Marija hija l-għadu ta' kull malizzja. (14)

L-għeġubijiet li Jahweh sawwab u kattar mal-Lhud dejjem minħabba l-Arka komplew dejjem jiżdiedu. Din id-darba nistgħu ngħidu li x-xorti ġiet fuq id-dar kollha ta' Għobededom. Qabel ma s-sultan David daħħal l-Arka tal-Mulej fil-belt tiegħu għax beża', David ħalla l-Arka fid-dar ta' Għobededom, fejn damet hemm tliet xhur sħaħ. U ta' dan kollu, "il-Mulej bierek dar Għobedebom u 'l kull ma kellu minħabba l-Arka ta' Alla". (15)

Din hija tixbiha oħra li toqgħod ukoll għal Marija. Kienet Marija nfisha li stqarret publikament hemm ġo Għajn Karem li "min issa 'l quddiem kull nisel isejjaħli ħienja". Meta jiġi biex ifisser dan il-vers tal-'Manifiċat' San Nilo li miet madwar is-sena 430 jgħid li kif Marija "mbierka" minn bosta u bosta ilsna u nazzjonijiet, hekk ukoll Marija minn naħħa tagħha issawwab u ixxerred il barkiet tagħha smewwija fuq dawk kollha li huma verament devoti tagħha.

**Il-Mixja lejn is-Sema**

L-aħħar tixbiha ċara bejn l-Arka tal-Patt u Marija qiegħda waqt id-dħul tal-poplu Lhudi fl-art imwiegħda. Fil-ktieb ta' Goswè kapitlu tlieta naqraw diskrezzjoni ċara u li tolqtox tal-mod kif il-Lhud qasmet x-xmara Gordan.

Goswe ried anzi għamilha ċara li l-ewwel ħaġa li għandha tkun f' ras il-korteo kellha tkun l-Arka tal-Mulej. "U Goswe qal lill-poplu: Tqaddsu, għaliex għada l-Mulej se jagħmel egħġubijiet fostkom. U Goswe qal lill-qassisin: Erfgħu l-Arka tal-Patt u għaddu quddiem il-poplu. U refgħu l-Arka tal-Patt u għaddew quddiem il-poplu". (17) Hekk dan il-poplu magħżul akkumpanjat mill-Arka tal-Mulej għalkemm ħtieġlu jbati ħafna matul il-vjaġġ pero wasal fl-art li tnixxi ħalib u għasel.

Bl-istess mod u manjera għandu jagħmel in-nisrani. F'din il-mixja mqita u mwera hemm bżonn li n-nisrani jkun imsieħeb mill-Arka tal-Ġdid Testment, Marija Santissma. Marija hija l-Omm tagħna l-bnedmin u ma tafx tagħlaq qalba lejn min jitlobha bil-fidi u bis-sinċerità.

**RIFERENZI:**


(1) Galatin 4:4-5; Apokalissi 12:1

(2) NEAL M. FLANAGAN. "Salvation Histody" 35-36.

(3) S. Gwann Damaxxenu "In dormitionem hom" 1,3. P.G. 96.704A.

(4) De VAUX R. "Le Istituzioni dell' A.T. 288-302.

(5) Lhud 9:5.

(6) JEREMIAS J. "Jerusalem in the Time of Jesus" 56.

(7) MISHNAH, Yoma, V1:2.

(8) Numri 17:25. Ara ukoll Lhud 9:5.

(9) Esodu 16:4.

(10) S. Gwann 6:48-49.

(11) Numri 17:24.

(12) Kolossin 1:26, P. Gwanni Pawlu II, "Il-Feddej tal-Bniedem" 7.

(13) S. Mark 9·7.

(14) Skaramelli.

(15) 2 Samwel 6:11.

(16) S. Nilo, Lib. 11, Ep 180, P.G. 79,293.

(17) Goswe' 3:6.

# HAIL MARY!



Devotion to thee, O Mary, is a pledge of salvation which God grants to those whom He predestines to the glory of Heaven.

**St. John Damascene**

**Death is terrible and who would escape the formidable dangers thereof, unless he could present to the Father the wounds of Jesus and to the Son the virginal womb of Mary? May the Mother's milk and the Son's blood be powerful to wrest from the Father grace for a prodigal and unhappy child.**

**St. Anselm**

*Thou art the Mother of life, the only hope of sinners; through thee we hope for pardon for our sins; by thee we expect the reward of Heaven.*

**St. Augustine**

Without thee who can be saved? Without thy protection who can escape misery; O Most Holy Mother of Jesus?

**St. Jermain**

**In the actual, living, human person who is the Virgin Mother of Christ are all the poverty and all the wisdom of all the Saints. It all came to them through her and is in her. The sanctity of all the Saints is a participation in her sanctity, because in the order He establish God wills that all graces come to men through Mary.**

**Thomas Merton**

*Just as the Magi took in their treasures presents full of mystery in their signification to offer to the Lord and His Mother, so let us produce from our hearts sentiments worthy of being presented to them.*

**St. Leo**

# WARDA LIL MADONNA

KULL ABBONAMENT HUWA WARDA LIL MADONNA.
AKTAR ABBONAMENTI: AKTAR WARD LIL MADONNA.
L-ABBONAMENTI HUMA TURIJA TA' QIMA LIL MADONNA.



**Iġbor Abbonati**

**Għar-Rivista**

**"Madonna ta' Pinu"**

- XERRED DEJJEM L-ISTAMPA T-TAJBA
- ĦAJJAR LILL-OĦRAJN JAQRAW LETTERATURA MARJANA.

N.B. Tingħata tifkira tal-Madonna ta' Pinu lil min jibgħatilna aktar minn żewġ abbonamenti ġodda.

Ibgħat l-indirizzi ta' l-abbonati l-ġodda lil:

Amministratur,
"Madonna Ta' Pinu",
Ċentru Kulturali Marjan,
Ta' Pinu — Għawdex.



IS-SANTWARJU TA' PINU MIBNI WARA LI L-MADONNA KELLMET LIL KARMNI GRIMA.

*"Il-Verġni Marija li mit-tħabbira tal-Anġlu laqgħet f'qalbha u f'ġisimha l-Verb t'Alla u ġabet il-ħajja lid-dinja, hi magħrufa u unurata bħala vera omm ta' Alla u tar-Redentur. Hi stess meħlusa b'mod sublimi, in vista tal-merti ta' Binha u Miegħu marbuta minn rabta iebsa li ma tinħallx, hi mgħonija b'uffiċċju l-aktar għoli u bid-dinjità ta' Omm tal-Iben t'Alla, u għalhekk bint maħbuba tal-Missier u tempju tal-Ispirtu s-Santu: u li minħabba dan id-don tal-grazzja l-aktar għolja tisboq b'mod kbir lill-kreaturi l-oħra kollha fis-sema u fl-art. Hi madanakollu marbuta flimkien mar-razza ta'Adam mal-bnedmin kollha fi ħtieġa tal-fidwa, anzi hi "tassew omm tal-membri (ta' Kristu)....għaliex ikkooperat bl-imħabba għat-twelid tal-fidili tal-Knisja, li ta' dak ir-Ras huma membri". Għal dan hi magħrufa wkoll bħala l-membru singulari u ewlenija tal-Knisja u figura tagħha u mudell l-aktar perfett ta' fidi u ta' karità, u l-Knisja Kattolika, mgħallma mill-Ispirtu s-Santu bl-imħabba ta' pietà ta' bint tivveneraha bħala Omm l-aktar maħbuba".*

*(Mill-Kostituzzjoni Dommatika "Lumen Gentium")*